Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SAUGMANDSGAARD ØE
ppreżentati fis-6 ta' April 2017[1]

**Kawża C-65/16**

**Istanbul Lojistik Ltd**
**vs**
**Nemzeti Adó- és Vámhivatal Fellebbviteli Igazgatóság**

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Szegedi Közigazgatási és Munkaügyi Bíróság (qorti amministrattiva u tax-xogħol ta' Szeged, l-Ungerija)]

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Trasport internazzjonali bit-triq – Ftehim li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija – Artikolu 9 – Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KE-Turkija – Artikoli 4, 5 u 7 – Moviment liberu tal-merkanzija – Taxxa fuq il-karozzi – Taxxi fir-rigward ta' vetturi tqal ta' trasport ta' merkanzija rreġistrati fit-Turkija li jaqsmu l-Ungerija fi tranżitu – Ftehim bilaterali konkluż minn Stat Membru mat-Turkija – Artikolu 3(2) TFUE – Regolament (KE) Nru 1072/2009 – Artikolu 1"

## I. Introduzzjoni

1. It-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Szegedi Közigazgatási és Munkaügyi Bíróság (qorti amministrattiva u tax-xogħol ta' Szeged, l-Ungerija) taqa' taħt il-kuntest ta' kawża bejn kumpannija tat-trasport Torka u awtorità fiskali Ungeriża li suġġettatha għall-ħlas ta' somom dovuti abbażi ta' taxxa fuq il-karozzi prevista mil-leġiżlazzjoni Ungeriża.

2. Abbażi ta' din, tinġabar taxxa fuq il-vetturi tqal ta' trasport ta' merkanzija rreġistratati f'pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea, f'dan il-każ fit-Turkija, li jintużaw għat-trasport tal-merkanzija, kull darba li jaqsmu l-fruntiera tal-Ungerija sabiex jaqsmu t-territorju tagħha fi tranżitu lejn Stat Membru ieħor.

3. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja fuq il-kwistjoni ta' jekk tali leġiżlazzjoni nazzjonali hijiex kompatibbli mar-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari mar-regoli li jirriżultaw mill-Ftehim li stabbilixxa assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tat-Turkija[2] (iktar 'il quddiem il-"Ftehim ta' assoċjazzjoni KEE – Turkija")[3].

1 Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 Dan il-Ftehim ġie ffirmat fit-12 ta' Settembru 1963, f'Ankara mir-Repubblika tat-Turkija, minn naħa, kif ukoll mill-Istati Membri tal-KEE u tal-Komunità, min-naħa l-oħra, u ġie konkluż, approvat u kkonfermat f'isem din tal-aħħar permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 64/732/KEE, tat-23 ta' Diċembru 1963 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 11, p. 10).

3 Problema simili ġiet imressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża pendenti CX (C-629/16).

4. Qabel kollox, hija tistaqsi jekk id-dispozizzjonijiet tad-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KE – Turkija[4] (iktar 'il quddiem, id-"Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni" jipprojbixxux l-applikazzjoni ta' taxxa bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, sa fejn tikkostitwixxi taxxa li għandha effett ekwivalenti għal dazju doganali, fis-sens tal-Artikolu 4 ta' din id-deċiżjoni, jew, fin-nuqqas ta' dan, miżura li għandha effett ekwivalenti għal restrizzjoni kwantitattiva fuq l-importazzjoni fis-sens tal-Artikolu 5 tal-imsemmija deċiżjoni, miżura li tista', jekk ikun il-każ, tkun iġġustifikata mir-raġunijiet ta' deroga previsti fl-Artikolu 7 tagħha.

5. Wara dan, hija tixtieq issir taf jekk din it-tip ta' taxxa hijiex kuntrarja għall-Artikolu 9 tal-Ftehim ta' assoċjazzjoni KEE–Turkija, li jipprojbixxi kull diskriminazzjoni mwettqa minħabba n-nazzjonalità.

6. Fl-aħħar, hija tistieden lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiddetermina jekk l-Artikolu 3(2) TFUE, kif ukoll l-Artikolu 1(2) u (3)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1072/2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tat-trasport bit-triq tal-merkanzija[5], jipprekludux lill-awtoritajiet ta' Stat Membri milli japplikaw tali taxxa fuq il-bażi ta' ftehim bilaterali dwar it-trasport konkluż ma' pajjiż terz, f'dan il-każ, ftehim konkluż mill-Ungerija mar-Repubblika tat-Turkija.

7. Minħabba r-raġunijiet esposti iktar 'il fuq, fl-opinjoni tiegħi għandha tingħata risposta affermattiva għall-ewwel domanda magħmula, fis-sens li miżura nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali tikkostitwixxi taxxa li għandha effett ekwivalenti għal dazju doganali kuntrarju għall-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, u li għaldaqstant, ma huwiex ser ikun neċessarju li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domandi l-oħra, li fir-rigward tagħhom xorta waħda ser nippreżenta, sussidjarjament, osservazzjonijiet.

## II. Il-kuntest ġuridiku

### *A. Id-dritt tal-Unjoni*

#### *1. Il-Ftehim ta' assoċjazzjoni KEE–Turkija u l-Protokoll Addizzjonali*

8. Skont l-Artikolu 9 tal-Ftehim ta' assoċjazzjoni KEE–Turkija, "[i]l-partijiet kontraenti jirrikonoxxu li fil-qasam ta' applikazzjoni tal-Ftehim, u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet partikolari li jistgħu jiġu stabbiliti skont l-Artikolu 8, kull diskriminazzjoni mwettqa minħabba n-nazzjonalità hija pprojbita skont il-prinċipju stipulat fl-Artikolu 7 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

9. Il-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim ta' assoċjazzjoni KEE-Turkija, li ġie ffirmat fi Brussell fit-23 ta' Novembru 1970[6], huwa parti integrali minn dan il-ftehim[7]. L-Artikolu 41 tiegħu jistabbilixxi li l-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu bħala missjoni li jistabbilixxi, b'konformità mal-prinċipji stabbiliti fl-Artikoli 13 u 14 tal-imsemmi ftehim, ir-ritmu u l-modalitajiet li jwasslu għat-tneħħija progressiva mill-partijiet kontraenti, bejniethom, tar-restrizzjonijiet għal-libertà ta' stabbiliment u għal-libertà li jiġu pprovvduti servizzi.

4 Deċiżjoni tat-22 ta' Diċembru 1995, dwar l-implementazzjoni tal-fażi definittiva tal-Unjoni Doganali (ĠU 1996, L 35, p. 1).

5 Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-21 ta' Ottubru 2009 (ĠU 2009, L 300, p. 72).

6 Protokoll li ġie konkluż, approvat u kkonfermat f'isem il-Komunità bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2760/72, tad-19 ta' Diċembru 1972 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 11, p. 41).

7 Skont l-Artikolu 62 tal-imsemmi protokoll.

10. Abbażi tal-Artikolu 42(1) ta' dan il-protokoll, "[i]l-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jestendi għat-Turkija, skont il-modalitajiet li huwa jistabbilixxi b'teħid inkunsiderazzjoni b'mod partikolari tas-sitwazzjoni ġeografika tat-Turkija, id-dispożizzjonijiet tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità applikabbli għat-trasport. Huwa jista' taħt l-istess kundizzjonijiet, jestendi għat-Turkija l-atti meħuda mill-Komunità għall-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet għat-trasport [...] bit-triq [...]" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

## *2. Id-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni*

11. Skont it-termini tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, "[b]la ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim [ta' assoċjazzjoni KEE-Turkija], tal-protokolls addizzjonali u supplimentari tiegħu, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KEE-Turkija jistabbilixxi l-modalitajiet segwenti għall-implementazzjoni tal-fażi finali tal-Unjoni doganali prevista fl-Artikoli 2 u 5 tal-imsemmi ftehim" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

12. Imniżżel fit-Taqsima I, intitolata "Eliminazzjoni tad-dazji doganali u tat-taxxi li għandhom effett ekwivalenti" [traduzzjoni mhux uffiċjali], tal-Kapitolu 1, intitolat "Moviment liberu tal-merkanzija u politika kummerċjali" [traduzzjoni mhux uffiċjali], ta' din id-deċiżjoni, l-Artikolu 4 tagħha jipprovdi li, "id-dazji doganali fuq l-importazzjoni kif ukoll it-taxxi li għandhom effett ekwivalenti għal dritt doganali għandhom jitneħħew kompletament bejn il-Komunità u t-Turkija, mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-deċiżjoni. Il-Komunità u t-Turkija għandhom jastjenu, minn din id-data, milli jintroduċu dazji doganali ġodda fuq l-importazzjoni u l-esportazzjoni jew kwalunkwe taxxa li għandha effett ekwivalenti għal dazju doganali. Dawn id-dispożizzjonijiet japplikaw ukoll għad-dazji doganali ta' natura fiskali" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

13. Imniżżel fit-Taqsima II tal-imsemmi Kapitolu 1, intitolat "Eliminazzjoni ta' ristrezzjonijiet kwantitattivi jew ta' miżuri li għandha effett ekwivalenti" [traduzzjoni mhux uffiċjali], l-Artikolu 5 tagħha jiddisponi li "r-restrizzjonijiet kwantitattivi fuq l-importazzjoni kif ukoll il-miżuri li għandhom effett ekwivalenti kollha huma pprojbiti bejn il-partijiet kontraenti".

14. Skont l-Artikolu 7 tagħha, "[l-]Artikolu 5 u 6 ma għandhomx jostakolaw projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet fuq l-importazzjoni, l-esportazzjoni jew it-tranżitu ġġustifikati minn raġunijiet ta' moralità pubblika, ta' ordni pubbliku, jew ta' sigurtà pubblika, ta' protezzjoni tas-saħħa u tal-ħajja tal-bnedmin u tal-annimali jew ta' preżervazzjoni tal-pjanti, ta' protezzjoni ta' teżori nazzjonali li għandhom valur artistiku, storiku jew arkeoloġiku, jew ta' protezzjoni ta' propjetà industrijali u kummerċjali. Madankollu, dawn il-projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet la għandhom jikkostitwixxu mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja u lanqas restrizzjoni moħbija fil-kummerċ bejn il-partijiet kontraenti".

15. Imniżżel fil-Kapitolu VI tal-imsemmija deċiżjoni, intitolat "Dispożizzjonijiet ġenerali u finali" [traduzzjoni mhux uffiċjali], l-Artikolu 66 tagħha jistabbilixxi li "d-dispożizzjonijiet tad-deċiżjoni preżenti, sa fejn huma identiċi essenzjalment għar-regoli korrispondenti tat-Trattat li jistabbilixxi lill-Komunità Ewropea għandhom jiġu, permezz tal-implementazzjoni tagħhom u tal-applikazzjoni tagħhom għall-prodotti li jaqgħu taħt l-unjoni doganali, interpretati b'konformità mas-sentenzi dwar dan is-suġġett tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej".

## *3. Ir-Regolament Nru 1072/2009*

16. L-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 1072/2009, intitolat "Il-Kamp ta' applikazzjoni", jipprovdi:

"1. Dan ir-Regolament għandu japplika għat-trasport bit-triq internazzjonali tal-merkanzija bil-kiri jew b'kumpens għall-vjaġġi li jsiru fit-territorju Komunitarju.

2. Fil-każ ta' trasport minn Stat Membru lejn pajjiż terz u viċeversa, dan ir-Regolament għandu japplika għal dik il-parti tal-vjaġġ fit-territorju ta' Stat Membru traversat waqt il-vjaġġ. M'għandux japplika għal dik il-parti tal-vjaġġ li ssir fit-territorju tal-Istat Membru tat-tagħbija jew tal-ħatt sakemm ma jkunx ġie konkluż il-ftehim meħtieġ bejn il-Komunità u l-pajjiż terz.

3. Sakemm jintlaħqu il-ftehim imsemmija fil-paragrafu 2, dan ir-Regolament m'għandux jaffettwa:

a) dispożizzjonijiet rigward it-trasport minn Stat Membru għal pajjiż terz u viċeversa li huma inklużi fil-ftehim bilaterali li ntlaħqu mill-Istati Membri ma' dawk il-pajjiżi terzi;

[…]"

17. L-Artikolu 2(1) tiegħu, jiddefinixxi l-kunċett ta' "vettura" fis-sens tal-imsemmi regolament, bħala: "karozza bil-mutur irreġistrata fi Stat Membru jew grupp magħqud ta' karozzi li jkollu għallinqas karozza waħda mill-grupp irreġistrata fi Stat Membru, użata esklusivament għat-trasport tal-merkanzija".

## *B. Id-dritt nazzjonali*

### *1. Il-Ftehim Ungerija – Turkija*

18. Il-ftehim konkluż bejn il-Kunsill Presidenzjali u l-Gvern tar-Repubblika Popolari tal-Ungerija, minn naħa, u l-Gvern tar-Repubblika tat-Turkija, min-naħa l-oħra, li għandu bħala suġġett it-trasport internazzjonali bit-triq, ġie ffirmat f'Budapest fl-14 ta' Settembru 1968 [8] (iktar 'il quddiem il-"Ftehim Ungerija-Turkija").

19. L-Artikolu 18(2) tal-imsemmi ftehim jipprovdi li "[l]-vetturi li jeffettwaw trasport tal-merkanzija bejn it-territorju taż-żewġ partijiet kontraenti huma eżenti, inkluż il-vjaġġi meta dawn ikunu vojta, minn taxxi, taxxi addizjonali, dazji u tariffi li għandhom jitħallsu fit-territorju tal-parti kontraenti l-oħra għall-attività ta' trasport korrispondenti jew abbażi tad-detenzjoni tal-vettura jew ukoll abbażi tal-użu tar-rotot". Skont il-paragrafu 3 ta' dan l-istess artikolu "l-vetturi li jwettqu t-trasport ta' merkanzija permezz tat-territorju tal-parti kontraenti l-oħra huma suġġetti, inkluż il-vjaġġi meta dawn ikunu vojta, għat-taxxi, taxxi addizjonali, dazji u tariffi li għandhom jitħallsu għat-trasport tal-merkanzija u sabiex jiġu koperti l-ispejjeż marbuta mal-manutenzjoni u mat-tiswija tat-toroq […]".

### *2. Il-liġi dwar it-taxxa fuq il-karozzi*

20. Skont il-preambolu tal-gépjárműadóról szóló 1991. évi LXXXII. törvény (Liġi Nru LXXXII tal-1991, dwar it-taxxa fuq il-karozzi) [9] (iktar 'il quddiem il-"liġi dwar it-taxxa fuq il-karozzi"), "[l-]assemblea nazzjonali, fl-interess ta' tqassim aħjar tal-ispejjeż pubbliċi marbuta mat-traffiku, ta' żieda fid-dħul tal-amministrazzjonijiet komunali jew, fil-kapitali, tad-distretti tal-belt, kif ukoll tat-tkabbir tas-sorsi ta' finanzjament neċessarji għall-manutenzjoni u għall-iżvilupp tan-netwerk tat-toroq pubbliċi tadotta l-liġi preżenti dwar it-taxxa fuq il-karozzi".

8 F'dan ir-rigward, il-Gvern Ungeriż jipprevdi d-dispożizzjonijiet tar-Regolament li għandu saħħa ta' liġi Nru 29/1969, li jimplementa l-imsemmi ftehim fl-Ungerija, *Magyar Közlöny* 1969/78 (X.11.).

9 Magyar *Közlöny* 1991/145 (XII.26.).

21. L-Artikolu 1 ta’ din il-liġi huwa fformulat kif ġej:

“1. It-taxxa fuq il-karozzi għandha titħallas fuq kull vettura jew karru li għandhom pjanċi ta’ reġistrazzjoni Ungeriżi, kif ukoll minn kull vettura tqila ta’ trasport ta’ merkanzija rreġistrata f’pajjiż barrani u li tinsaq fit-territorju tal-Ungerija (iktar ’il quddiem flimkien il-“vettura”) […].

2. Il-kamp ta’ applikazzjoni ta’ din il-liġi ma jestendix […], fil-kategorija ta’ vetturi tqal ta’ trasport ta’ merkanzija rreġistrati f’pajjiż barrani, għal dawk li huma rreġistrati fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea.”

22. Il-Kapitolu II tal-liġi dwar it-taxxa fuq il-karozzi jistabbilixxi l-modalitajiet tat-“taxxa fuq il-vetturi nazzjonali”. L-ammont ta’ taxxa fis-sena li trid titħallas għall-vetturi tqal ta’ trasport ta’ merkanzija rreġistrati fl-Ungerija tiddependi fuq il-massa tal-vettura kkonċernata, is-sistema ta’ sospensjoni tagħha u l-klassifikazzjoni ambjentali tagħha.

23. L-Artikolu 6 ta’ din il-liġi jiddisponi li l-bażi tat-taxxa tikkorrispondi għall-massa tal-vettura tqila ta’ trasport ta’ merkanzija meta tkun vojta indikata fir-reġistru uffiċjali, miżjuda b’50 % tal-kapaċità ta’ ġarr (pay mass).

24. Skont l-Artikolu 7(2) tal-imsemmija liġi, l-iskala tat-taxxa hija, għal kull parti mibdija ta’ 100 kilogramma tal-bażi tat-taxxa, ta’ 850 Forint Ungeriż (HUF), (madwar EUR 3) għall-vetturi tqal ta’ trasport ta’ merkanzija li għandhom sospensjoni pnewmatika jew sistema ta’ sospensjoni ekwivalenti u ta’ HUF 1 380 (madwar EUR 5) għall-vetturi tqal ta’ trasport ta’ merkanzija l-oħra.

25. L-Artikolu 8 ta’ din l-istess liġi jistabbilixxi l-kriterji li jippermettu li jagħti d-dritt għal tnaqqis tat-taxxa, maqsum fuq bejn 20 % u 30 % ta’ tnaqqis, abbażi tal-kodiċi tal-klassi ambjentali li taqa’ taħtha l-vettura tqila ta’ trasport ta’ merkanzija kkonċernata.

26. Il-Kapitolu III tal-liġi dwar it-taxxa fuq il-karozzi jistabbilixxi l-modalitajiet tat-“taxxa fuq il-vetturi rreġistrati f’pajjiż barrani”.

27. Skont l-Artikolu 10 ta’ din il-liġi, “[i]t-taxxa hija dovuta mid-detentur tal-vettura” u, skont l-Artikolu 11 tagħha, “[l-]obbligu fiskali jibda fil-ġuranta ta’ dħul fit-territorju tal-Ungerija”.

28. L-Artikolu 15 tal-imsemmija liġi jipprevedi:

“1. Fil-każ […] ta’ vettura ta’ kapaċità massima li taqbeż 12-il tunnellata, li tinsaq b’liċenżja tat-trasport li tintuża ghas-servizz tat-trasport, taxxa ta’ HUF 30 000 (madwar EUR 100) għandha titħallas abbazi, rispettivament, tal-vjaġġ lejn id-destinazzjoni u tal-vjaġġ ta’ ritorn. Fil-każ […] ta’ vettura ta’ kapaċità ta’ ġarr massimu li jeċċedi 12-il tunellata, li tinsaq b’liċenzja ta’ trasport li tintuża għal finijiet ta’ tranżitu, taxxa ta’ HUF 60 000 (madwar EUR 200) għandha titħallas, rispettivament, għall-vjaġġ lejn id-destinazzjoni u għall-vjaġġ ta’ ritorn. […]

2. L-ammonti ta’ taxxa stabbiliti fil-paragrafu 1 jestendu għall-vjaġġ lejn id-destinazzjoni u għall-vjaġġ ta’ ritorn u għall-soġġorn fit-territorju Ungeriż li ma jaqbiżx 48 siegħa kull vjaġġ. Jekk it-tul tas-soġġorn huwa itwal, it-taxxa hija dovuta, skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 iktar ’il fuq, għal kull perijodu ġdid ta’ 48 siegħa li jkun beda. […]

3. L-ammont ta’ taxxa dovuta skont il-paragrafu 1 titħallas permezz tax-xiri ta’ bolla fiskali li għandha titwaħħal fuq il-liċenzja tat-trasport bit-triq, fil-każ ta’ servizz ta’ trasport, għall-perijodu kollu tat-trasport u, fil-każ ta’ trasport ta’ tranżitu, separatament għall-vjaġġ lejn id-destinazzjoni u għal dak ta’ ritorn, fil-mument ta’ dħul fit-territorju tal-Ungerija. La darba l-bolla jew bollol jitwaħħlu, il-persuna

taxxabbli għandha b'mod obbligatorju tindika, fuqha jew fuqhom, id-data u l-ħin ta' dħul (sena, xahar, ġurnata u siegħa). Jekk l-obbligu ta' ħlas (bolla fiskali) ma jkunx osservat, ma huwiex possibbli li jsir sewqan b'liċenzja tat-trasport suġġetta għat-taxxa mingħajr riskju ta' sanzjonijiet ħlief f'massimu ta' 5 km madwar il-punt ta' dħul fit-territorju tal-Ungerija."

29. L-Artikolu 17(2) ta' din il-liġi jipprovdi li "[j]ekk il-persuna taxxabbli naqset milli twettaq, parzjalment jew totalment, l-obbligu tagħha ta' ħlas tat-taxxa, l-awtorità doganali tikkonstata d-dejn fiskali, kif ukoll multa fiskali ekwivalenti għal ħames darbiet l-ammont ta' dan id-dejn [...]".

### *3. Il-liġi dwar it-traffiku fit-toroq u d-Digriet Governattiv Nru 156/2009*

30. Abbażi tal-Artikolu 20(1)(a) tal-közúti közlekedésről szóló 1988. évi I. törvény (Liġi Nru I tal-1988 dwar it-traffiku fit-toroq)[10] (iktar 'il quddiem il-"liġi dwar it-traffiku fit-toroq"), tista' tiġi ssuġġettata għall-ħlas ta' multa kull persuna li kisret id-dispożizzjonijiet dwar is-servizzi tat-trasport bit-triq (trasport ta' persuni jew ta' merkanzija) nazzjonali jew internazzjonali li huma suġġetti għal awtorizzazzjoni jew għall-pussess ta' dokument, hekk kif previst f'din il-liġi jew f'atti leġiżlattivi jew regolamentarji speċifiċi, jew ukoll f'atti tad-dritt tal-Unjoni.

31. Skont l-Artikolu 2(b) tal-közúti árufuvarozáshoz, személyszállításhoz és a közúti közlekedéshez kapcsolódó egyes rendelkezések megsértése esetén kiszabható bírságok összegéről, valamint a bírságolással összefüggő hatósági feladatokról szóló 156/2009. (VII.29.) Korm. rendelet [Digriet Governattiv Nru 156/2009 (VII.29.) dwar l-ammont tal-multi li jistgħu jiġu imposti fil-każ ta' ksur ta' ċerti dispożizzjonijiet relatati mat-trasport bit-triq tal-merkanzija u tal-persuni u mat-traffiku fit-triq, kif ukoll dwar id-doveri tal-awtorità pubblika marbuta mal-impożizzjoni ta' multa][11], fil-verżjoni tagħha applikabbli għall-kawża preżenti:

"Għall-finijiet tal-Artikolu 20(1)(a) tal-[liġi dwar it-traffiku fit-toroq], u bla ħsara għal dispożizzjonijiet kuntrarji, hija marbuta għall-ħlas ta' multa ta' ammont previst fl-Anness 1, kull persuna li [...] tikser id-dispożizzjonijiet relatati mal-awtorizzazzjonijiet u mad-dokumenti meħtieġa sabiex jitwettqu servizzi ta' trasport bit-triq, previsti fl-Artikoli 3 sa 34 tad-[Digriet governattiv Nru 261/211[12]]".

32. Abbażi tal-punt 5(a) tal-Anness 1 ta' dan l-istess digriet, it-trasportatur detentur ta' liċenzja mhux valida ta' trasport bit-triq ta' merkanzija għandu jħallas multa ta' HUF 300 000 (madwar EUR 980).

## III. Il-kawża prinċipali, id-domandi preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

33. Istanbul Lojistik Ltd hija kumpannija kummerċjali rreġistrata fit-Turkija li twettaq, f'isem impriżi stabbiliti fit-Turkija u fl-Unjoni, trasport bit-triq ta' merkanzija mit-Turkija lejn Stati Membri tal-Unjoni, billi taqsam b'mod partikolari, l-Ungerija.

34. Fit-30 ta' Marzu 2015, in-Nemzeti Adó- és Vámhivatal (amministrazzjoni nazzjonali tat-taxxa u tad-dwana, l-Ungerija, iktar 'il quddiem, l-"awtorità fiskali tal-ewwel grad") wettqet kontroll fl-inħawi ta' Nagylak (l-Ungerija), viċin tal-fruntiera mar-Rumanija, fuq grupp magħqud ta' vetturi[13] ta' kapaċità ta' ġarr massima ta' iktar minn 12-il tunnellata, irreġistrati fit-Turkija u użati minn Istanbul Lojistik.

10 Magyar *Közlöny* 1988/15 (IV.21.).

11 Magyar *Közlöny* 2009/107 (VII.29.).

12 Díj ellenében végzett közúti árutovábbítási, a saját számlás áruszállítási, valamint az autóbusszal díj ellenében végzett személyszállítási és a saját számlás személyszállítási tevékenységről, továbbá az ezekkel összefüggő jogszabályok módosításáról szóló 261/2011. (XII. 7.) Korm. rendelet [Digriet governattiv Nru 261/2011 (XII.7.) dwar l-attivitajiet ta' trasport tal-merkanzija bit-triq bi ħlas, tat-trasport tal-merkanzija għal rashom, kif ukoll għall-attivitajiet ta' trasport ta' persuni b'xarabank bi ħlas u t-trasport ta' persuni għal rashom, kif ukoll għall-emenda tar-regoli tad-dritt relatati ma' dawn l-attivitajiet], *Magyar Közlöny* 2011/146 (XII.7.).

13 Nippreċiża li, fid-dritt tal-Unjoni, il-kunċett ta' "grupp magħqud ta' vetturi" jidher, b'mod partikolari fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament Nru 1072/2009.

Din kienet detentriċi, għall-vetturi tqal ta’ trasport ta’ merkanzija kkonċernati, ta’ liċenzja ta’ tranżitu Ungerija-Turkija, li hija kienet tuża sabiex tittrasporta xi prodotti ta’ drapp mit-Turkija lejn il-Ġermanja *via* l-Ungerija. Din il-liċenzja kien fiha r-referenzi kollha meħtieġa mil-leġiżlazzjoni Ungeriża iżda l-bolla fiskali li tikkorrispondi għall-ammont ta’ taxxa meħtieġa għall-karozzi u li turi l-pagament ta’ din tal-aħħar ma kinitx twaħħlet fuq l-imsemmija liċenzja.

35. Fid-deċiżjonijiet amministrattivi li hija adottat fil-31 ta’ Marzu 2015, wara l-imsemmi kontroll, l-awtorità fiskali tal-ewwel grad ikkonstatat li Istanbul Lojistik ma ssodisfatx l-obbligu fiskali tagħha previst mil-liġi Ungeriża dwar it-taxxa fuq il-karozzi u li, konsegwentement, il-liċenzja ta’ tranżitu tagħha ma kinitx valida. Din l-awtorità imponiet fuq Istanbul Lojistik il-ħlas ta’ dejn fiskali ta’ HUF 60 000 (madwar EUR 200) li tikkorrispondi għall-imsemmija taxxa, ta’ multa fiskali ta’ HUF 300 000 (madwar EUR 980) kif ukoll ta’ multa amministrattiva ta’ HUF 300 000, jiġifieri somma totali ta’ HUF 660 000 (madwar EUR 2 150).

36. Istanbul Lojistik ikkontestat dawn id-deċiżjonijiet amministrattivi quddiem in-Nemzeti Adó- és Vámhivatal Fellebbviteli Igazgatóság (amministrazzjoni nazzjonali tat-taxxa u tad-dwana, diviżjoni tal-appell, l-Ungerija, iktar ’il quddiem, l-“awtorità fiskali tat-tieni grad”) li, permezz tad-deċiżjonijiet tat-13 ta’ Mejju 2015, ikkonfermat id-deċiżjonijiet kkontestati.

37. L-imsemmija impriża ppreżentat azzjoni amministrattiva kontra dawn id-deċiżjonijiet tal-aħħar, quddiem is-Szegedi Közigazgatási és Munkaügyi Bíróság (qorti amministrattiva u tax-xogħol ta’ Szeged).

38. Insostenn tal-azzjoni tagħha, Istanbul Lojistik issostni li d-dispożizzjonijiet tal-liġi dwar it-taxxa fuq il-karozzi inkwistjoni jiksru l-Artikoli 4 sa 6 tad-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta’ Assoċjazzjoni. Hija tallega li t-taxxa li tinġabar fir-rigward tal-vetturi rreġistrati f’pajjiżi mhux membri tal-Unjoni fil-każ ta’ tranżitu *via* l-Ungerija tista’ tiġi kkunsidrata bħala taxxa li għandha effett ekwivalenti għal dazju doganali fis-sens tal-Artikolu 30 TFUE u, għaldaqstant, tal-Artikolu 4 tal-imsemmija deċiżjoni. Skont ir-rikorrenti, din it-taxxa tipproduċi effett kemm diskriminatorju kif ukoll protettiv u tikkostitwixxi restrizzjoni fuq il-moviment liberu tal-merkanzija li hija kuntrarja għad-dritt tal-Unjoni.

39. Bħala difiża, l-awtorità fiskali tat-tieni grad titlob iċ-ċaħda tal-azzjoni. Hija ssostni li hija aġixxiet abbażi ta’ leġiżlazzjoni nazzjonali dwar it-trasport, qasam li fih l-Artikolu 4(2)(g) TFUE jawtorizza lill-Ungerija sabiex tilleġiżla u tapplika r-regoli diġà adottati. Hija żżid li t-taxxa fuq il-karozzi tikkostitwixxi spiża esposta fil-kuntest ta’ trasport internazzjonali li ma jistax jiġi kkunsidrat bħala dazju doganali jew taxxa li għandha effett ekwivalenti. Barra minn hekk, hija tafferma li, anki kieku d-dispożizzjonijiet dwar l-Unjoni doganali jiġu ddikjarati applikabbli fil-kawża preżenti, l-Ungerija għandha d-dritt tirrestrinġi l-moviment liberu tal-merkanzija ġejja mit-Turkija fil-kuntest tal-eċċezzjonijiet dwar l-interess pubbliku previsti fl-Artikolu 36 TFUE, b’mod partikolari dawk dwar is-sigurtà fit-toroq u l-ordni pubbliku fil-qasam tat-tressiq ta’ azzjoni kontra l-ksur. Fl-aħħar nett, hija tqis li r-Regolament Nru 1072/2009 ma jipprojbixxix lill-Ungerija milli tirregola, permezz ta’ ftehimiet bilaterali, it-trasport internazzjonali tal-merkanzija bit-triq bejn it-territorju tagħha u dak tat-Turkija.

40. F’dan il-kuntest, permezz ta’ deċiżjoni tat-18 ta’ Jannar 2016, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-8 ta’ Frar 2016, is-Szegedi Közigazgatási és Munkaügyi Bíróság (qorti amministrattiva u tax-xogħol ta’ Szeged) iddeċiediet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

“1) L-Artikolu 4 tad-[Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta’ Assoċjazzjoni] għandu jiġi interpretat fis-sens li taxxa bħal dik [prevista] mil-liġi Ungeriża dwar it-taxxa fuq iċ-ċirkolazzjoni ta’ vetturi bil-mutur [karozzi], [u] li, konformement ma’ din il-liġi, hija dovuta fir-rigward tal-vetturi [tqal] ta’ trasport ta’ merkanzija rreġistrati fit-Turkija operati minn trasportatur Tork u użati għat-trasport ta’ merkanzija, għall-fatt li dawn il-vetturi li l-post tat-tluq tagħhom tkun it-Turkija jaqsmu l-fruntiera

Ungeriża u jgħaddu mill-Ungerija bħala Stat Membru ta' tranżitu sabiex jaslu fi Stat Membru ieħor, tikkostitwixxi taxxa li għandha effett ekwivalenti għal dazju doganali u għaldaqstant, ma hijiex konformi mal-Artikolu 4 ta' din id-deċiżjoni?

2) a) Fil-każ ta' risposta fin-negattiv għall-ewwel domanda preliminari, l-Artikolu 5 tad-[Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni] għandu jiġi interpretat fis-sens li taxxa bħal dik [prevista] mil-liġi Ungeriża dwar it-taxxa fuq iċ-ċirkolazzjoni ta' vetturi bil-mutur [karozzi], [u] li, konformement ma' din il-liġi, hija dovuta fir-rigward tal-vetturi [tqal] ta' trasport ta' merkanzija irreġistrati fit-Turkija operati minn trasportatur Tork u użati għat-trasport ta' merkanzija, għall-fatt li dawn il-vetturi li l-post tat-tluq tagħhom tkun it-Turkija jaqsmu l-fruntiera Ungeriża u jgħaddu mill-Ungerija bħala Stat Membru ta' tranżitu sabiex jaslu fi Stat Membru ieħor, tikkostitwixxi miżura li għandha effett ekwivalenti għal restrizzjoni kwantitattiva u għaldaqstant, ma hijiex konformi mal-Artikolu 5 ta' din id-deċiżjoni?

b) L-Artikolu 7 tad-[Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni] għandu jiġi interpretat fis-sens li huwa possibbli li tiġi applikata, billi jiġu invokati raġunijiet ta' sigurtà tat-triq u ta' applikazzjoni tal-liġijiet [tressiq ta' azzjoni kontra l-ksur], taxxa bħal dik [prevista] mil-liġi Ungeriża dwar it-taxxa fuq iċ-ċirkolazzjoni ta' vetturi bil-mutur [karozzi], [u] li, konformement ma' din il-liġi, hija dovuta minn vettura [tqila] ta' trasport ta' merkanzija b'numru ta' reġistrazzjoni Tork operata minn trasportatur Tork u użata għat-trasport ta' merkanzija, għall-fatt li din il-vettura li l-post tat-tluq tagħha tkun it-Turkija taqsam lejn il-fruntiera Ungeriża sabiex tgħaddi mill-Ungerija bħala Stat Membru ta' tranżitu u tasal fi Stat Membru ieħor?

3) L-Artikolu 3(2) TFUE u l-Artikolu 1(2) u (3)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1072/2009 (1) għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu, abbażi ta' ftehim bilaterali fil-qasam tat-trasport konkluż mat-Turkija, lill-Istat Membru ta' tranżitu milli japplika taxxa bħal dik [prevista] mil-liġi Ungeriża dwar it-taxxa fuq iċ-ċirkolazzjoni ta' vetturi bil-mutur [karozzi], [u] li, konformement ma' din il-liġi, hija dovuta fir-rigward tal-vetturi [tqal] ta' trasport ta' merkanzija irreġistrati fit-Turkija operati minn trasportatur Tork u użati għat-trasport ta' merkanzija, għall-fatt li dawn il-vetturi li l-post tat-tluq tagħhom tkun it-Turkija jaqsmu l-fruntiera Ungeriża u jgħaddu mill-Ungerija bħala Stat Membru ta' tranżitu sabiex jaslu fi Stat Membru ieħor?

4) L-Artikolu 9 tal-[Ftehim ta' assoċjazzjoni KEE-Turkija] għandu jiġi interpretat fis-sens li taxxa bħal dik [prevista] mil-liġi Ungeriża dwar it-taxxa fuq iċ-ċirkolazzjoni ta' vetturi bil-mutur [karozzi], [u] li, konformement ma' din il-liġi, hija dovuta fir-rigward tal-vetturi [tqal] ta' trasport ta' merkanzija irreġistrati fit-Turkija operati minn trasportatur Tork u użati għat-trasport ta' merkanzija, għall-fatt li dawn il-vetturi li l-post tat-tluq tagħhom tkun it-Turkija jaqsmu l-fruntiera Ungeriża u jgħaddu mill-Ungerija bħala Stat Membru ta' tranżitu sabiex jaslu fi Stat Membru ieħor, tikkostitwixxi diskriminazzjoni minħabba n-nazzjonalità u għaldaqstant, ma hijiex konformi mal-Artikolu 9 ta' dan il-ftehim?"

41. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub minn Istanbul Lojistik, mill-Gvern Ungeriż, mill-Gvern Taljan u kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea. B'ittra tal-24 ta' Novembru 2016, il-Qorti tal-Ġustizzja, skont l-Artikolu 61(1) tar-Regoli tal-Proċedura tagħha, għamlet mistoqsija għal tweġiba bil-miktub qabel is-seduta lill-Gvern Ungeriż, u dan tal-aħħar weġibha. Waqt is-seduta tad-19 ta' Jannar 2017, ġew irrappreżentati Istanbul Lojistik, il-Gvern Ungeriż u l-Kummissjoni.

## IV. Analiżi

### *A. Osservazzjonijiet preliminiari*

42. Skont il-preambolu tal-liġi Ungeriża dwar it-taxxa fuq il-karozzi, adottata fl-1991, l-għan prinċipali ta' din it-taxxa huwa li tiffinanzja l-manutenzjoni tan-netwerk tat-toroq pubbliċi. Din tinġabar minn kull karozza li hija rreġistrata fl-Ungerija kif ukoll fuq il-vetturi tqal ta' trasport ta' merkanzija kollha li huma rreġistrati f'pajjiż barrani u li jintużaw fit-toroq tat-territorju Ungeriż, bl-eċċezzjoni ta' dawk irreġistrati fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni [14]. Ir-raġuni eżatta għal din l-eżenzjoni tal-aħħar ma tirriżultax mid-deċiżjoni tar-rinviju [15].

43. Il-frekwenza tal-ġbir u l-metodu ta' kalkolu ta' din it-taxxa jvarjaw skont il-post ta' reġistrazzjoni tal-vettura kkonċernata. Jekk din tal-aħħar hija rreġistrata fl-Ungerija, it-taxxa għandha titħallas darba f'sena u l-ammont li jitħallas jiddependi fuq diversi karatteristiċi tal-vettura, bħalma huma l-massa tagħha meta tkun vojta u l-kapaċità ta' ġarr tagħha, it-tagħmir eventwali tagħha b'sospensjonijiet pnewmatiċi kif ukoll l-impatt tagħha fuq l-ambjent [16]. Min-naħa l-oħra, fir-rigward ta' vettura tqila ta' trasport ta' merkanzija rreġistrat f'pajjiż terz, id-detentur tagħha huwa marbut li jħallas it-taxxa, permezz tax-xiri ta' bolla fiskali, kull darba li jidħol fit-territorju Ungeriż. Meta, bħal fil-kawża prinċipali, tali vettura barranija jkollha liċenzja ta' tranżitu f'dan it-territorju, il-prezz tal-bolla, li huwa ta' HUF 60 000 (madwar EUR 200), huwa dovut kemm għall-vjaġġ lejn id-destinazzjoni kif ukoll għall-vjaġġ ta' ritorn u l-ħlas tagħha għandu jiġġedded meta t-tul tas-soġġorn f'dan it-territorju jkun ta' iktar minn 48 siegħa [17].

44. L-imsemmija liġi tistabbilixxi li n-nuqqas ta' ħlas tat-taxxa huwa ssanzjonat b'multa fiskali ta' ammont ekwivalenti għal ħames darbiet l-ammont li ma tħallasx [18]. Barra minn hekk, il-liġi dwar it-traffiku fit-toroq, tal-1988, tipprevedi multa amministrattiva, li għandha titħallas abbażi taċ-ċirkulazzjoni fit-territorju Ungeriż mingħajr il-pussess tad-dokumenti meħtieġa, li l-ammont tagħha huwa stabbilit għal HUF 300 000 (madwar EUR 980), mid-Digriet Governattiv Nru 156/2009 [19].

45. Huwa skont dawn id-dispożizzjonijiet nazzjonali li l-amministrazzjoni fiskali Ungeriża imponiet fuq ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, kumpannija tat-trasport Torka, żewġ multi għan-nuqqas tal-ħlas tat-taxxa fuq il-karozzi li din il-kumpannija kellha tħallas minħabba d-dħul fl-Ungerija ta' vettura rreġistrata fit-Turkija li tagħha hija kienet detentriċi.

46. Qabel kollox il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk taxxa bħal dik prevista mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandhiex tiġi kkwalifikata bħala taxxa li għandha effett ekwivalenti għal dazju doganali fis-sens tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, interpretat fid-dawl tal-ġurisprudenza relatata mal-Artikolu 30 TFUE. Fid-dawl tal-motivazzjoni tad-digriet tar-rinviju tagħha, jidhirli li hija ressqet it-tliet domandi l-oħra biss sussidjarjament, fil-każ fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tagħti risposta negattiva għall-ewwel domanda tagħha.

14 Ara l-Artikolu 1(1) u (2) tal-imsemmija liġi.

15 Skont il-Gvern Taljan, il-fatt li l-utent ta' vettura li tittrasporta merkanzija li hija rreġistrata fi Stat Membru tal-Unjoni ieħor jiġi eżentat milli jħallas it-taxxa għat-tranżitu tiegħu fit-territorju tal-Ungerija huwa ġġustifikat abbażi tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 1999/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-17 ta' Ġunju 1999, dwar il-ħlas li jrid isir minn vetturi ta' merkanzija tqila għall-użu ta' ċerti infrastrutturi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 4, p. 372), li jipprovdi li t-taxxi fuq il-vetturi li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 3 ta' din id-direttiva "għandhom jiġu imposti biss mill-Istat Membru ta' reġistrazzjoni".

16 Skont id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu II tal-liġi dwar it-taxxa fuq il-karozzi, li l-punti essenzjali tagħhom huma indikati fil-punti 22 sa 25 ta' dawn il-konklużjonijiet.

17 Ara d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu III tal-liġi dwar it-taxxa fuq il-karozzi, li l-punti essenzjali tagħhom huma indikati fil-punti 26 *et seq* ta' dawn il-konklużjonijiet. Kif tinnota l-Kummissjoni, l-Artikolu 15(3) ta' din il-liġi jipprevedi "żona ta' tolleranza" ta' 5 km madwar il-punt ta' dħul fit-territorju Ungeriż, li fih, is-sanzjoni ma tiġix imposta.

18 Ara l-Artikolu 17(2) tal-liġi dwar it-taxxa fuq il-karozzi.

19 Ara l-punti 30 *et seq* ta' dawn il-konklużjonijiet.

47. Minħabba r-raġunijiet li ser nesponi iktar 'il quddiem, ser nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tirrispondi b'mod affermattiv għall-ewwel domanda u, għaldaqstant, sabiex ma tiddeċidix fuq id-domandi l-oħra. Madankollu, għall-finijiet ta' kompletezza, ser neżamina lil dawn tal-aħħar b'mod relattivament fil-qosor.

48. Permezz tal-ewwel żewġ domandi u tar-raba' domanda tagħha, li fl-opinjoni tiegħi għandhom jiġu eżaminati f'din l-ordni preċiża, il-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja fuq l-interpretazzjoni tal-prinċipji ta' moviment liberu tal-merkanzija u ta' nondiskriminazzjoni fir-rigward tal-obbligi li jirriżultaw mill-Ftehim ta' assoċjazzjoni KEE–Turkija. Min-naħa l-oħra, it-tielet domanda tirrigwarda t-tqassim tal-kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri fir-rigward ta' ftehimiet bilaterali konkluż ma' pajjiżi terzi fir-rigward tat-trasport internazzjonali tal-merkanzija bit-triq.

### *B. Fuq id-dannu għall-moviment liberu tal-merkanzija fir-rigward tal-Artikoli 4, 5 u 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni (l-ewwel u t-tieni domandi)*

49. L-ewwel żewġ domandi preliminari jirrigwardaw il-kwistjoni ta' jekk il-fatt li t-trasportaturi Torok jiġu suġġetti għall-ħlas ta' taxxa fuq il-karozzi huwiex inkompatibbli mad-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KE-Turkija, li, kif jipprevedi l-Artikolu 1 tagħha, tistabbilixxi l-modalitajiet ta' implementazzjoni tal-fażi finali tal-Unjoni doganali li tirriżulta mill-Ftehim ta' assoċjazzjoni KEE – Turkija.

50. L-imsemmija domandi jirrigwardaw, b'mod iktar preċiż, l-Artikoli 4, 5 u 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni. L-Artikolu 4 jeħtieġ li d-dazji doganali fuq l-importazzjoni jew fuq l-esportazzjoni kif ukoll it-taxxi li għandhom effett ekwivalenti għal dazju doganali jitneħħew kompletament fil-kummerċ bejn l-Unjoni u t-Turkija. L-Artikolu 5 jipprojbixxi r-ristrezzjonijiet kwantitattivi fuq l-importazzjoni u l-miżuri li għandhom effett ekwivalenti, fl-istess kuntest, filwaqt li l-Artikolu 7 jippermetti li jkun hemm deroga minn din il-projbizzjoni, billi jipprevedi li tali miżuri jistgħu jkunu ġġustifikati minn raġunijiet, b'mod partikolari, ta' ordni pubbliku, ta' sigurtà pubblika jew ta' protezzjoni tas-saħħa u tal-ħajja tal-bnedmin.

51. Din it-talba għal deċiżjoni preliminari għandha natura differenti. Madankollu, mill-Artikolu 66 tad-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jirriżulta li d-dispożizzjonijiet tagħha li huma identiċi essenzjalment, għar-regoli li jikkorrispondu għat-Trattat KE (li sar it-Trattat FUE) għandhom jiġu interpretati b'konformità mas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja f'dan ir-rigward[20]. Sa fejn il-kontenut tal-Artikoli 4, 5 u 7 tal-imsemmija deċiżjoni huwa ekwivalenti għal dak, rispettivament, tal-Artikoli 30, 34 u 36 TFUE, l-artikoli tal-ewwel għandhom għaldaqstant jiġu interpretati billi l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tiġi trasposta għal dawn tal-aħħar.

#### *1. Fuq il-klassifikazzjoni ta' taxxa li għandha effett ekwivalenti għal dazju doganali fis-sens tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni (l-ewwel domanda)*

52. L-ewwel domanda preliminari tistieden lill-Qorti tal-Ġustizzja teżamina jekk taxxa bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali tikkostitwixxi taxxa li għandha effett ekwivalenti għal dazju doganali li tmur kontra l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni. F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tirrileva li, abbażi tal-Artikolu 1(1) u 2 tal-liġi dwar it-taxxa fuq il-karozzi, id-detenturi ta' vetturi rreġistrati fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni huma eżentati milli jħallsu din it-taxxa, filwaqt li d-detenturi ta' vetturi rreġistrati f'pajjiż terz, u b'mod iktar partikolari fit-Turkija, huma suġġetti għal din it-taxxa, abbażi ta' tranżitu fit-territorju Ungeriż.

20 Hekk kif tfakkar il-qorti tar-rinviju, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li l-interpretazzjoni mogħtija għad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni dwar is-suq intern tista' tiġi trasposta għall-interpretazzjoni ta' ftehim konkluż mill-Unjoni ma' Stat terz meta l-ftehim inkwistjoni jkun jinkludi dispożizzjonijiet espliċiti f'dan ir-rigward (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-24 ta' Settembru 2013, Demirkan (C-221/11, EU:C:2013:583, punt 44 u l-ġurisprudenza ċċitata).

53. Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 30 TFUE, li huwa identiku, essenzjalment, għall-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni [21], jirriżulta li l-kunċett ta' "taxxa li għandha effett ekwivalenti għal dazju doganali" [traduzzjoni mhux uffiċjali], fis-sens ta' dawn id-dispożizzjonijiet, għandu jiġi interpretat b'mod wiesa', bħala li jinkludi *kull tariffa pekunjarja, anki jekk minima, imposta unilateralment* [22], *irrispettivament mit-titolu tagħha u mit-teknika tagħha, u li tolqot il-merkanziji minħabba l-fatt li tinqasam il-fruntiera*, mingħajr ma tkun dazju doganali fil-veru sens tal-kelma. L-iskop li fid-dawl tiegħu t-taxxa inkwistjoni ġiet stabbilita u d-destinazzjoni tad-dħul li hija tiġġenera huma elementi ta' evalwazzjoni irrilevanti [23].

54. Hekk kif jenfasizzaw il-qorti tar-rinviju, Istanbul Lojistik, il-Gvern Taljan u l-Kummissjoni, id-definizzjoni tal-imsemmi kunċett hija ffokata essenzjalment fuq l-effetti negattivi li jipproduċi tali piż pekunjarju. Dan tal-aħħar għandu jkollu l-istess impatt protettiv, u għaldaqstant ristrettiv, ta' dazju doganali, li jkun il-każ, b'mod partikolari, meta jkollu bħala riżultat li jgħolli b'mod artifiċjali l-prezz tal-bejgħ tal-merkanzija importata jew esportata meta mqabbla ma' merkanzija nazzjonali [24]. Jidhirli li dan huwa l-każ f'din il-kawża.

55. Qabel kollox, ninnota li huwa minnu li l-vetturi rreġistrati fl-Ungerija huma wkoll suġġetti għat-taxxa li tirriżulta mil-liġi adottata fl-1991 mill-Parlament Ungeriż. Madankollu, mid-dispożizzjonijiet ta' din il-liġi [25] jirriżulta li l-modalitajiet tal-ġbir tal-imsemmija taxxa kif ukoll l-ispejjeż addizzjonali li jirriżultaw minnha fir-rigward tal-imsemmija vetturi huma partikolarment differenti minn dawk li għalihom huma suġġetti l-vetturi rreġistrati f'pajjiż terz. Kif diġà ddeskrivejt iktar 'il fuq [26], il-kundizzjonijiet tal-applikazzjoni tal-imsemmija taxxa ma huma bl-ebda mod ekwivalenti skont jekk inkwistjoni jkunx hemm vettura rreġistrata fl-Ungerija jew, bħal fil-kawża preżenti, vettura rreġistrata fit-Turkija. Barra minn hekk, il-Gvern Ungeriż jirrikonoxxi, hekk kif invokat Istanbul Lojistik, li n-numru ta' liċenzji ta' tranżitu eżentati mit-taxxi, li suppost jiżgura l-ugwaljanza kompetittiva bejn it-trasportaturi Ungeriżi u t-trasportaturi Torok [27], ma huwiex suffiċjenti biex ikunu koperti l-bżonnijiet reali ta' dawn tal-aħħar, li jinsabu obbligati jħallsu t-taxxa kkontestata ladarba l-kwota annwali ta liċenzji bla ħlas tkun eżawrita [28].

56. Huwa irrelevanti, skont il-ġurisprudenza ċċitata iktar 'il fuq [29], il-fatt li l-impatt tat-taxxa kkontestata fuq il-prezz finali tal-merkanzija jista' jkun dgħajjef ħafna, hekk kif allega l-Gvern Ungeriż waqt is-seduta. Huwa suffiċjenti li jiġi kkonstatat li t-trasportaturi detenturi ta' vetturi rreġistrati fit-Turkija huma obbligati li jsostnu spiża addizzjonali, anki jekk minima, meta mqabbla ma' dawk li għandhom vetturi rreġistrati fl-Ungerija.

21 Fil-fatt, l-Artikolu 30 TFUE, jipprojbixxi d-dazji doganali fuq l-importazzjoni u l-esportazzjoni jew it-taxxi li għandhom effett ekwivalenti bejn l-Istati Membru tal-Unjoni, filwaqt li l-imsemmi Artikolu 4 jistabbilixxi l-istess regola f'dak li jikkonċerna l-partijiet fil-Ftehim ta' assoċjazzjoni KEE-Turkija.

22 Jiġifieri taxxa stabbilita fuq l-inizjattiva ta' Stat Membru, b'kuntrast għal taxxa li tirriżulta mir-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-21 ta' Frar 1984, St. Nikolaus Brennerei und Likörfabrik, 337/82, EU:C:1984:69, punt 15). F'din il-kawża, jidhirli li ma huwiex ikkontestat li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni ma tirriżultax minn tali rekwiżiti. Għaldaqstant, mhux ser niddedika żviluppi speċifiċi għal din il-kundizzjoni.

23 Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-1 ta' Lulju 1969, Il-Kummissjoni vs L-Italja (24/68, EU:C:1969:29, punti 7 u 9); tat-8 ta' Novembru 2005, Jersey Produce Marketing Organisation (C-293/02, EU:C:2005:664, punt 55); tal-21 ta' Ġunju 2007, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-173/05, EU:C:2007:362, punt 42), kif ukoll tat-2 ta' Ottubru 2014, Orgacom (C-254/13, EU:C:2014:2251, punti 23 u 35).

24 Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-14 ta' Diċembru 1962, Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu u Il-Belġju (2/62 u 3/62, EU:C:1962:45, p. 827, paragrafu ta' qabel tal-aħħar); tat-3 ta' Frar 1981, Il-Kummissjoni vs Franza (90/79, EU:C:1981:27, punt 12), kif ukoll tal-21 ta' Marzu 1991, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-209/89, EU:C:1991:139, punt 7).

25 Ara d-dispożizzjonijiet tal-Kapitoli II u III tal-liġi dwar it-taxxa fuq il-karozzi msemmija fil-punti 22 sa 25 kif ukoll 26 *et seq* ta' dawn il-konklużjonijiet.

26 Ara punt 43 ta' dawn il-konklużjonijiet.

27 Skont id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Ungerija-Turkija.

28 Istanbul Lojistik issostni li s-sistema Ungeriża tinvolvi kwoti tat-triq li jillimitaw il-kummerċ bejn l-Unjoni u t-Turkija, għaliex tagħmel ogħla l-merkanzija ġejja mingħandha, billi tibbaża ruħha fuq rapport tal-14 ta' Ottubru 2014, intitolat "Study on the economic impact of an agreement between the EU and the Republic of Turkey" li ġie mfassal minn ICF Consulting Ltd fuq talba tal-Kummissjoni u huwa aċċessibbli fuq is-sit internet li ġej: http://ec.europa.eu/transport/modes/road/studies/road_en (b'mod partikolari, p. v u vi u p. 39).

29 Ara l-punt 53 ta' dawn il-konklużjonijiet.

57. Barra minn hekk, inqis li ma jistax jiġi injorat li kumpannija tat-trasport Torka, bħalma hija r-rikorrenti fil-kawża prinċipali, tkun obbligata tħallas taxxa li togħla sa HUF 60,000 (madwar EUR 200), kemm għall-vjaġġ lejn id-destinazzjoni u għal dak ta' ritorn, u kull darba li waħda mill-karozzi tagħha tinsaq fi tranżitu fuq it-territorju Ungeriż waqt perijodu ta' iktar minn 48 siegħa. Sabiex tiġi evitata din l-ispiża konsegwenti u repetittiva, l-uniċi alternattivi jkunu li wieħed jieħu dawra kbira biex ma jgħaddix minn dan it-territorju jew li jagħżel mezzi ta' trasport oħra, soluzzjonijiet li jwasslu għal restrizzjonijiet evidentement importanti u li joħolqu huma stess spejjeż addizzjonali[30]. Fl-opinjoni tiegħi r-riskju li l-kompetittività tat-trasportaturi Torok titnaqqas hija reali f'dan il-kuntest[31].

58. Barra minn hekk, il-Gvern Ungeriż u l-Gvern Taljan joġġezzjonaw li ma jistax ikun hemm dannu għall-moviment liberu tal-merkanzija minħabba l-fatt li t-taxxa inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma taffettwax direttament lill-prodotti ttrasportati fihom innifishom, iżda s-servizz li jikkostitwixxi t-trasport bit-triq transkonfinali, filwaqt li dan il-qasam tal-aħħar ma huwiex liberalizzat fil-kuntest tal-Ftehim ta' assoċjazzjoni KEE–Turkija u tad-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni[32]. Huma jsostnu li l-ġbir tat-taxxa jitwettaq fir-rigward tad-detenturi kollha ta' vetturi tqal ta' trasport ta' merkanzija rreġistrati f'pajjiż terz li jintużaw fit-triq fit-territorju Ungeriż u li l-ammont tagħha huwa stabbilit mingħajr teħid inkunsiderazzjoni la tal-oriġini jew tad-destinazzjoni tal-merkanzija ttrasportata u lanqas tan-natura jew tal-kwantità tagħha, sa fejn il-vettura ntaxxata tista' saħansitra tkun vojta.

59. Madankollu, nenfassizza li l-ammont tat-taxxa miġbura mingħand dawn il-persuni hija aġġustata, b'mod partikolari, skont il-piż massimu awtorizzat għall-vettura kkonċernata u skont jekk it-trasport attwali jitwettaqx bi skop ta' servizz jew ta' tranżitu fit-territorju Ungeriż[33], kriterji li, fl-opinjoni tiegħi, huma marbuta fir-realtà, rispettivament, mal-kwantità ta' merkanzija li tista' tiġi ttrasportata u mal-post fejn għandha tiġi kkonsenjata. Għaldaqstant, l-istess bħall-qorti tar-rinviju, li tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja mill-perspettiva tal-moviment liberu tal-merkanzija, inqis li t-taxxa inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma tirrigwardax is-servizz li huwa pprovdut mit-trasportaturi barranin iżda l-prodotti li jiċċirkolaw f'dan it-territorju permezz tagħhom.

60. Barra minn hekk, l-istess bħall-Istanbul Lojistik u l-Kummissjoni, nirrileva li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li "taxxa li hija miġbura mhux fuq prodott bħala tali, iżda fuq attività neċessarja fir-rigward tal-prodott tista' taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni [tal-Artikolu 30 TFUE]"[34]. Issa, it-trasport tal-merkanzija jikkostitwixxi, fl-opinjoni tiegħi, tali attività, sa fejn huwa marbut b'mod li ma jistax jiġi separat maċ-ċaqliq tagħhom u għaldaqstant mal-moviment liberu tagħhom. Għaldaqstant, anki jekk jitqies li l-fatt taxxabbli li jagħti lok għat-taxxa kkontestata huwa biss it-trasport, jidhirli li din il-konstatazzjoni ma tostakolax il-possibbiltà li din tiġi kklassifikata bħala taxxa li għandha effett ekwivalenti għal dazju doganali fis-sens tal-imsemmi Artikolu 30 kif ukoll tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni[35].

30 Istanbul Lojistik u l-Kummissjoni jsostnu, ukoll, li t-taxxa inkwistjoni tista' tgħolli l-prezz tal-bejgħ tal-prodotti trasportati, peress li t-trasportatur barrani jkollu jew iħallas l-ammont meħtieġ, jew inkella jagħżel itinerarju ta' sostituzzjoni itwal u għaldaqstant ogħla fil-prezz.

31 Ara b'analoġija, is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2011, Il-Kummissjoni vs L-Awstrija (C-28/09, EU:C:2011:854, punti 115 u 116), li fiha, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-eżistenza ta' mezzi ta' trasport jew ta' itinerarji sostituttivi ma humiex ta' natura li jwarrbu l-possibbiltà ta' restrizzjoni tal-moviment liberu tal-merkanzija.

32 Fuq dan is-suġġett, infakkar sempliċement li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li fl-istat attwali tal-iżvilupp tal-assoċjazzjoni KEE-Turkija, ma teżisti l-ebda leġiżlazzjoni speċifika fil-qasam tat-trasport, iżda li s-servizzi tat-trasport ipprovduti fi ħdan l-imsemmija assoċjazzjoni ma humiex eżentati mir-regoli ġenerali applikabbli għall-provvisti ta' servizzi, u b'mod partikolari mill-Artikolu 41(1) tal-Protokoll Adizzjonali għall-Ftehim ta' assoċjazzjoni KEE-Turkija, li jipprojbixxi lil Stat Membru milli jintroduċi restrizzjonijiet ġodda għal-libertà ta' stabbiliment u li jiġu pprovduti servizzi, b'effett mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-imsemmi protokoll fir-rigward tiegħu (ara s-sentenzi tal-21 ta' Ottubru 2003, Abatay *et*, C-317/01 u C-369/01, EU:C:2003:572, punti 92 sa 102, kif ukoll tal-24 ta' Settembru 2013, Demirkan, C-221/11, EU:C:2013:583, punti 37 *et seq*).

33 Ara l-Artikolu 15(1) tal-liġi dwar it-taxxa fuq il-karozzi.

34 Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Mengozzi fil-kawża Essent Netwerk Noord *et* (C-206/06, EU:C:2008:33, punti 48 sa 50), kif ukoll is-sentenza tas-17 ta' Lulju 2008, Essent Netwerk Noord *et* (C-206/06, EU:C:2008:413, punt 44).

35 Ara b'analoġija, dwar taxxi kklassifikati bħala taxxi interni, is-sentenza tat-8 ta' Novembru 2007, Stadtgemeinde Frohnleiten u Gemeindebetriebe Frohnleiten (C-221/06, EU:C:2007:657, punti 43 *et seq* kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

61. Dawn iż-żewġ gvernijiet isostnu wkoll li t-taxxa inkwistjoni ma tinġabarx minħabba l-fatt li l-merkanzija taqsam il-fruntiera, hekk kif teżiġi l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. L-intaxxar ma huwiex marbut mal-att ta' qsim tal-fruntiera Ungeriża, iżda mal-użu fit-triq fit-territorju Ungeriż, b'teħid inkunsiderazzjoni tal-fatt li dan jista' joħloq dannu għall-istat tat-toroq u tal-ambjent.

62. Madankollu, din l-analiżi hija kuntrarja għal dik adottata mill-qorti tar-rinviju, hekk kif jirriżulta b'mod partikolari mill-kliem tad-domandi preliminari tagħha. Barra minn hekk, nosserva li l-imsemmija taxxa għandha dejjem titħallas, fil-mument "ta' dħul fit-territorju tal-Ungerija", "abbażi, rispettivament, tal-vjaġġ lejn id-destinazzjoni u tal-vjaġġ ta' ritorn", kemm fil-każ tal-provvista ta' servizz u kemm fil-każ ta' trasport fi tranżitu, u dan, biss fir-rigward tal-vetturi rreġistrati f'pajjiżi mhux membri tal-Unjoni [36]. Ir-rabta materjali mal-moviment tal-merkanzija jidhirli li hija għaldaqstant ċara [37].

63. Barra minn hekk, hekk kif jenfasizzaw il-qorti tar-rinviju, Istanbul Lojistik u l-Kummissjoni, hija ġurisprudenza stabbilita li l-projbizzjoni ta' taxxi li għandhom effett ekwivalenti għal dazju doganali prevista fl-Artikolu 30 TFUE, testendi għall-moviment ta' merkanzija ġejja direttament minn Stat terz li, bħal fil-kawża preżenti, tgħaddi sempliċement mit-territorju ta' Stat Membru sabiex, wara, tiġi esportata lejn Stati Membri oħra. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Unjoni doganali bejn l-Istati Membri timplika neċessarjament li jiġi żgurat bejniethom il-moviment liberu tal-merkanzija, libertà li tikkostitwixxi wieħed mill-prinċipji ġenerali tal-imsemmi Trattat u li għandha bħala konsegwenza l-eżistenza ta' prinċipju ġenerali ta' libertà ta' tranżitu tal-merkanzija ġewwa l-Unjoni Ewropea [38]. Fl-opinjoni tiegħi, l-istess approċċ għandu jiġi adottat fir-rigward tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, peress li l-funzjonament tajjeb tal-Unjoni doganali li tirriżulta mill-Ftehim ta' assoċjazzjoni KEE-Turkija jkun, jekk le, kompromess, hekk kif diġà ammettiet il-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' ftehimiet oħra konklużi ma' pajjiżi terzi [39].

64. Inżid li l-argument tal-Gvern Ungeriż li jgħid li din hija "taxxa" [40] li hija ġġustifikata, b'mod partikolari, mill-manutenzjoni u mill-iżvilupp tan-netwerk tat-toroq pubbliċi huwa ineffettiv, peress li la l-iskop tal-miżura kkonċernata u lanqas l-isem li jingħatalha mill-awtoritajiet nazzjonali ma huma determinanti skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja [41] msemmija iktar 'il fuq.

36 Ara l-Artikoli 1, 11 u 15 tal-liġi dwar it-taxxa fuq il-karozzi.

37 Bil-kontra ta' sitwazzjonijiet oħra, li fihom il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li t-taxxa kkonċernata taqa' taħt is-sistema ġenerali ta' tariffi interni fuq il-merkanzija (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-5 ta' Ottubru 2006, Nádasdi u Németh, C-290/05 u C-333/05, EU:C:2006:652, punti 40 sa 42, kif ukoll tat-18 ta' Jannar 2007, Brzeziński, C-313/05, EU:C:2007:33, punti 23 sa 25).

38 Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-21 ta' Ġunju 2007, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-173/05, EU:C:2007:362, punti 30 sa 32 u l-ġurisprudenza ċċitata), kif ukoll tal-21 ta' Diċembru 2011, Il-Kummissjoni vs L-Awstrija (C-28/09, EU:C:2011:854, punt 113 u l-ġurisprudenza ċċitata).

39 Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-5 ta' Ottubru 1995, Aprile (C-125/94, EU:C:1995:309, punti 39 *et seq*), kif ukoll tal-21 ta' Ġunju 2007, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-173/05, EU:C:2007:362, punti 33 u 40).

40 Il-Gvern Ungeriż żviluppa raġunament madwar l-idea li t-taxxa kkontestata tista' tikkostitwixxi fir-realtà, miżura ta' taxxa interna, fis-sens tal-ġurisprudenza dwar l-Artikolu 110 TFUE. Ninnota li dispożizzjonijiet simili, xorta waħda ta' natura projbittiva, jidhru wkoll fl-Artikolu 50 tad-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni. Madankollu, inqis li ma jkunx utli li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi f'dan ir-rigward, peress li l-qorti tar-rinviju ma tistaqsix dwar l-interpretazzjoni tal-imsemmija dispożizzjonijiet u li din ma jidhirx li hija neċessarja sabiex tingħata soluzzjoni għall-kawża prinċipali (ara, b'analoġija, b'mod partikolari, is-sentenza tad-19 ta' Settembru 2013, Martin Y Paz Diffusion, C-661/11, EU:C:2013:577, punt 48). Barra minn hekk, is-sistema ta' tassazzjoni applikabbli għall-vetturi rreġistrati fl-Ungerija tant hija differenti minn dik applikabbli għall-vetturi rreġistrati f'pajjiż terz li l-klassifikazzjoni bħala "taxxa interna", hija, fl-opinjoni tiegħi, impossibbli li tiġi aċċettata (fuq dan il-kunċett, ara b'mod partikolari, is-sentenza tas-17 ta' Lulju 2008, Essent Netwerk Noord *et* C-206/06, EU:C:2008:413, punt 41).

41 Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 23 ta' dawn il-konklużjonijiet.

65. Għall-kompletezza, nippreċiża li nikkondividi l-opinjoni tal-Kummissjoni li leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma hijiex koperta mir-raġunijiet ta' eċċezzjoni għall-projbizzjoni tat-taxxi li għandhom effett ekwivalenti għal dazju doganali li l-possibbiltà tagħhom ġiet ammessa mill-Qorti tal-Ġustizzja [42], taħt kundizzjonijiet speċifiċi u ta' applikazzjoni stretta [43]. B'mod partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-motivi bbażati fuq it-tiswija u l-manutenzjoni tan-netwerk tat-toroq ma jistgħux jippermettu li tiġi imposta taxxa speċifika fuq l-operaturi li jittrasportaw il-merkanzija billi jaqbżu l-limiti tat-territorju kkonċernat, sa fejn tali servizz ma jibbenefikax esklussivament lil dawn tal-aħħar u għaldaqstant ma jistax jiġġustifika l-ħtieġa ta' korrispettiv pekunjarja fir-rigward tagħhom [44].

66. Konsegwentement, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-Artikolu 30 TFUE, jien tal-opinjoni li miżura nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali tikkostitwixxi tassew taxxa li għandha effett ekwivalenti għal dazju doganali fis-sens tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni u li hija, għaldaqstant, ipprojbita mill-imsemmi artikolu fir-rigward tal-merkanzija koperta mill-Unjoni doganali li teżisti bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tat-Turkija.

***2.*** *Fuq l-eżistenza ta' miżura li għandha ekwivalenti għal restrizzjoni kwantitattiva fuq l-importazzjoni u l-ġustifikazzjoni eventwali tagħha fir-rigward tal-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni (it-tieni domanda)*

67. Iż-żewġ partijiet tat-tieni domanda preliminari, li jirrigwardaw b'mod suċċessiv l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, huma mressqa mill-qorti tar-rinviju biss fil-każ fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li l-miżura nazzjonali li hija s-suġġett tal-kawża prinċipali ma għandhiex tiġi kklassifikata bħala taxxa li għandha effett ekwivalenti għal dazju doganali fis-sens tal-Artikolu 4 ta' din l-istess deċiżjoni.

68. Peress li qed nipproponi li r-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja għall-ewwel waħda mid-domanda magħmula tkun fis-sens li l-imsemmija miżura tikkostitwixxi taxxa ta' din in-natura, nirrakkomanda li t-tieni domanda ma tingħatax risposta minkejja l-oġġezzjoni fformulata minn Istanbul Lojistik, li tqis li għandha tingħata deċiżjoni fuq dan il-punt f'kull każ. Madankollu, hekk kif tinnota din il-parti stess, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fuq ir-rabta bejn id-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE dwar il-moviment liberu tal-merkanzija jirriżulta li l-miżuri ta' natura fiskali, bħal dawk inkwistjoni hawnhekk, jaqgħu bħala prinċipju taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet speċifiċi, jiġifieri dawk tal-Artikolu 30 TFUE, u mhux taħt il-projbizzjoni tar-restrizzjonijiet kwantitattivi fuq l-importazzjoni, previsti fl-Artikoli 34 u 36 TFUE, fis-sens li jkun hemm lok li miżura nazzjonali tiġi eżaminata fid-dawl ta' dawn tal-aħħar biss jekk l-ewwel minn dawn l-artikoli ma huwiex applikabbli [45]. Peress li nafu li l-imsemmija artikoli huma ekwivalenti, essenzjalment u rispettivament, għall-Artikoli 4, 5 u 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, minn dak li ntqal qabel jirriżulta li risposta affermattiva għall-ewwel domanda trendi inutli risposta għat-tieni domanda. Madankollu ser neżaminaha b'mod sussidjarju, sabiex inkopri l-ipoteżi prevista mill-qorti tar-rinviju.

42 Infakkar li r-raġunijiet ta' ġustifikazzjoni li huma stabbiliti fl-Artikolu 36 TFUE, l-istess bħal fl-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni (dwar dan is-suġġett ara l-punti 75 *et seq* ta' dawn il-konklużjonijiet) huma applikabbli esklussivament fir-rigward ta' miżuri li għandhom effett ekwivalenti għal restrizzjoni kwantitattiva u mhux fir-rigward ta' taxxi li għandhom effett ekwivalenti għal dazju doganali (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-14 ta' Ġunju 1988, Dansk Denkavit, 29/87, EU:C:1988:299, punt 32).

43 Għalhekk, piż pekunjarju li jissodisfa l-kriterji għall-klassifikazzjoni ta' taxxa li għandha effett ekwivalenti għal dazju doganali tista' madankollu tevita l-projbizzjoni li tirriżulta meta hija tikkostitwixxi "l-ħlas għal servizz, effettivament mogħti, ta' ammont proporzjonali għall-imsemmi servizz, jew jekk tifforma parti minn sistema ġenerali ta' imposti [tariffi] interni applikata sistematikament, skond l-istess kriterji, għall-prodotti nazzjonali u l-prodotti importati jew esportati, jew ukoll, taħt ċerti kundizzjonijiet, jekk huwa impost abbażi ta' kontrolli effettwati sabiex jiġu sodisfatti l-obbligi imposti mil-leġiżlazzjoni Komunitarja" (ara, b'mod partikolari s-sentenzi tal-21 ta' Marzu 1991, Il-Kummissjoni vs L-Italja, C-209/89, EU:C:1991:139, punt 9, kif ukoll tat-8 ta' Novembru 2005, Jersey Produce Marketing Organisation, C-293/02, EU:C:2005:664, punt 56).

44 Ara s-sentenza tad-9 ta' Settembru 2004, Carbonati Apuani (C-72/03, EU:C:2004:506, punt 32).

45 Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-16 ta' Diċembru 1992, Lornoy *et.* (C-17/91, EU:C:1992:514, punti 14 u 15); tas-17 ta' Ġunju 2003, De Danske Bilimportører (C-383/01, EU:C:2003:352, punti 32 *et seq*), kif ukoll tat-18 ta' Jannar 2007, Brzeziński (C-313/05, EU:C:2007:33, punt 50).

***a)** Fuq l-interpretazzjoni tal-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni (l-ewwel parti tat-tieni domanda)*

69. L-ewwel parti tat-tieni domanda preliminari tqajjem il-kwistjoni ta' jekk it-taxxa imposta fuq il-vetturi rreġistrati f'pajjiż terz li jintużaw fit-triq fi tranżitu fit-territorju Ungeriż tistax tiġi kklassifikata bħala miżura li għandha effett ekwivalenti għal restrizzjoni kwantitattiva fuq l-importazzjoni fis-sens tal-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni u li għaldaqstant hija pprojbita minn din id-dispożizzjoni.

70. Fil-motivazzjoni tad-deċiżjoni tagħha, il-qorti tar-rinviju tistabbilixxi korrelazzjoni bejn l-imsemmi Artikolu 5 u l-Artikolu 34 TFUE[46], fejn essenzjalment id-dispożizzjonijiet tagħhom huma effettivament identiċi[47]. B'teħid inkunsiderazzjoni tal-ekwivalenza tagħhom, hekk kif jipprevedi l-Artikolu 66 tad-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, l-Artikolu 5 ta' din tal-aħħar għandu jiġi interpretat fid-dawl tas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja relatati mal-Artikolu 34 TFUE[48].

71. Skont ġurisprudenza stabbilita, kull leġiżlazzjoni tal-Istati Membri li tista' tostakola direttament jew indirettament, attwalment jew potenzjalment il-kummerċ fi ħdan l-Unjoni Ewropea għandha titqies bħala miżura li għandha effett ekwivalenti għal restrizzjoni kwantitattiva[49]. Fl-opinjoni tiegħi, dan għandu japplika wkoll, b'analoġija, għal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tirriskja li tostakola, taħt kundizzjonijiet identiċi, il-kummerċ fi ħdan l-Unjoni doganali li tirriżulta mill-Ftehim ta' assoċjazzjoni KEE–Turkija.

72. Fil-kawża preżenti, sabiex tiġi miċħuda l-klassifikazzjoni ta' miżura li għandha effett ekwivalenti għal restrizzjoni kwantitattiva, il-Gvern Ungeriż isostni li t-taxxa fuq il-karozzi inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandha, ċertament, effett probabbli fuq il-moviment liberu tal-merkanzija, li tista' tiġi riflessa fil-prezz ta' ċerti prodotti, iżda li dan l-effett huwa każwali u indirett wisq sabiex ikun sanzjonabbli, fis-sens tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja f'dan ir-rigward[50]. Il-Gvern Taljan jinvoka wkoll li l-piż li jirriżulta mir-regola kontenzjuża huwa fuq il-mezz tat-trasport, u mhux fuq il-merkanzija nnifisha li hija ttrasportata minnu.

73. Madankollu, anki jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, nikkunsidra li din tista' toħloq restrizzjoni fil-kummerċ bejn l-Unjoni u r-Repubblika tat-Turkija, li hija kuntrarja għall-Artikolu 5 ta' din id-deċiżjoni. Fil-fatt, bi qbil ma' Istanbul Lojistik u mal-Kummissjoni, inqis li t-taxxa kkontestata għandha, f'dan il-każ, tiġi kklassifikata bħala miżura li tista' tostakola l-imsemmi kummerċ sa fejn toħloq spejjeż żejda għall-merkanzija li hija ttrasportata minn vetturi rreġistrati fit-Turkija u li żżid għaldaqstant il-prezz finali tagħha[51]. Barra minn hekk, anki jekk din il-leġiżlazzjoni Ungeriża taffettwa prinċipalment is-servizzi tat-trasport ipprovduti

46 Fl-elementi ta' risposta li hija tagħti – sussidjarjament – dwar it-tieni domanda, il-Kummissjoni ma tinkludix mhux dawk id-dispożizzjonijiet dwar ir-restrizzjonijiet kwantitattivi fuq l-importazzjoni, li huma previsti mill-qorti tar-rinviju, iżda wkoll dawk dwar ir-restrizzjonijiet kwantitattivi fuq l-esportazzjoni li jidhru fl-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni u fl-Artikolu 35 TFUE. Madankollu, inqis li jkun aħjar li nillimita l-osservazzjonijiet tiegħi għas-suġġett tad-domanda hekk kif magħmula mill-qorti tar-rinviju.

47 Fil-fatt, l-Artikolu 34 TFUE jipprojbixxi r-restrizzjonijiet kwantitattivi fuq l-importazzjonijiet u l-miżuri kollha li għandhom effett ekwivalenti bejn l-Istati Membru tal-Unjoni, filwaqt li l-imsemmi Artikolu 5 jifformula l-istess projbizzjoni fir-rigward tal-partijiet fil-Ftehim ta' assoċjazzjoni KEE-Turkija.

48 Ara wkoll il-punt 51 ta' dawn il-konklużjonijiet.

49 Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-16 ta' Jannar 2014, Juvelta (C-481/12, EU:C:2014:11, punt 16), kif ukoll tas-27 ta' Ottubru 2016, Audace *et* (C-114/15, EU:C:2016:813, punt 66 u l-ġurisprudenza ċċitata).

50 F'dan ir-rigward, il-Gvern Ungeriż isemmi, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-14 ta' Lulju 1994, Peralta (C-379/92, EU:C:1994:296, punt 24), kif ukoll tal-21 ta' Settembru 1999, BASF (C-44/98, EU:C:1999:440, punt 21).

51 Ara wkoll il-punt 55 ta' dawn il-konklużjonijiet.

mit-trasportaturi Torok, hija tista' fl-opinjoni tiegħi, tiġi kkunsidrata bħala li tikkostitwixxi tali miżura, peress li l-eżerċizzju tal-moviment liberu tal-merkanzija huwa neċessarjament marbut mat-trasport ta' din tal-aħħar [52]. Għalhekk, jidhirli li l-effett restrittiv tal-piż addizzjonali inkwistjoni ma huwiex indirett iżżejjed sabiex ikun jista' jittieħed inkunsiderazzjoni.

74. Fid-dawl ta' dawn l-elementi, nipproponi, sussidjarjament, li jiġi ammess li l-implementazzjoni ta' taxxa bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali tista' tiġi kklassifikata bħala miżura li għandha effett ekwivalenti għal restrizzjoni kwantitattiva fuq l-importazzjoni tal-merkanzija koperta mill-Unjoni doganali konkluża mat-Turkija, fis-sens tal-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, u għaldaqstant, taqa' taħt il-projbizzjoni prevista minn din id-dispożizzjoni.

***b)*** *Fuq l-interpretazzjoni tal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni (it-tieni parti tat-tieni domanda)*

75. Fil-każ fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li t-taxxa inkwistjoni fil-kawża prinċipali tikkostitwixxi tassew miżura li għandha effett ekwivalenti għal restrizzjoni kwantitattivi pprojbita mill-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, it-tieni parti tat-tieni domanda preliminari tistedinha sabiex tiddetermina, imbagħad, jekk l-applikazzjoni ta' din il-miżura hijiex madankollu, validament iġġustifikata minn motivi bbażati fuq is-sigurtà fit-toroq u t-tressiq ta' azzjoni kontra l-ksur, fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7 ta' din l-istess deċiżjoni.

76. Bi qbil mal-qorti tar-rinviju, ma' Istanbul Lojistik u mal-Kummissjoni, nikkunsidra li, abbażi tar-regola prevista fl-Artikolu 66 tad-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, l-Artikolu 7 ta' din id-deċiżjoni għandu jiġi interpretat skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-Artikolu 36 TFUE, peress li l-kliem tal-imsemmi Artikolu 7 huwa analogu essenzjalment għal dak ta' dan tal-aħħar [53].

77. Minn din il-ġurisprudenza jirriżulta li l-lista ta' ġustifikazzjonijiet elenkati fl-Artikolu 36 TFUE – li jippermettu li jiġu ammessi restrizzjonijiet fuq l-importazzjoni, l-esportazzjoni jew fuq it-tranżitu, sa fejn dawn isegwu għanijiet ta' interess ġenerali – għandha natura eżawrjenti u għandha bħala prinċipju tkun is-suġġett ta' interpretazzjoni stretta, peress li din hija deroga mill-prinċipju tal-moviment liberu tal-merkanzija [54]. Fl-opinjoni tiegħi, l-istess approċċ għandu jintuża fir-rigward tal-lista li hija stabbilita fl-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni.

78. Istanbul Lojistik issostni li f'din il-lista ta' eċċezzjonijiet ma jidhrux b'mod espliċitu r-raġunijiet invokati, fil-kawża preżenti, mill-awtoritajiet Ungeriżi sabiex jipprovaw jiġġustifikaw il-leġiżlazzjoni kkontestata, jiġifieri rekwiżiti relatati mas-sigurtà fit-toroq jew mat-tressiq ta' azzjonijiet kontra l-ksur, skont id-difiża ppreżentata fil-kawża prinċipali mill-awtorità fiskali tat-tieni grad [55].

52 F'dan is-sens, il-qorti tar-rinviju tenfasizza, ġustament, li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet, ripetutament, fir-rigward tal-prinċipju tal-moviment liberu tal-merkanzija stabbilit mit-Trattat FUE, li l-miżuri li jaffettwaw it-trasport jistgħu jikkostitwixxu ostakolu għall-kummerċ intrakomunitarju ta' dawn il-prodotti. F'dan ir-rigward, hija ssemmi, b'mod partikolari, is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2011, Il-Kummissjoni vs L-Awstrija (C-28/09, EU:C:2011:854), fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ammettiet effettivament li leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprojbixxi l-użu ta' ċerti metodi ta' trasport f'postijiet speċifiċi tostakola l-moviment liberu tal-merkanzija li tinġarr minnhom (ara l-punti 114 *et seq*, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata. Ara wkoll il-punt 60 ta' dawn il-konklużjonijiet.

53 Fil-fatt, il-fatturi li jippermettu li jkun hemm deroga mill-projbizzjonijiet previsti fl-Artikoli 34 u 35 TFUE li huma elenkati fl-Artikolu 36 TFUE huma l-istess bħal dawk iċċitati fl-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni fir-rigward tal-projbizzjonijiet previsti fl-Artikoli 5 u 6 tagħha. Barra minn hekk, kemm l-imsemmi Artikolu 36 u kemm l-imsemmi Artikolu 7 jimponu li tali derogi ma għandhomx jikkostitwixxu "la mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja u lanqas restrizzjoni moħbija tal-kummerċ", minn naħa, bejn l-Istati Membri, u, min-naħa l-oħra, bejn il-partijiet fil-Ftehim ta' assoċjazzjoni KEE-Turkija.

54 Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-17 ta' Ġunju 1981, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda (113/80, EU:C:1981:139, punt 7), kif ukoll tad-19 ta' Ottubru 2016, Deutsche Parkinson Vereinigung (C-148/15, EU:C:2016:776, punt 29).

55 Ara l-punt 39 ta' dawn il-konklużjonijiet.

79. Madankollu, nosserva li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ammettiet li s-sigurtà fit-toroq tista' tittieħed inkunsiderazzjoni abbażi tal-Artikolu 30 KE, li sar l-Artikolu 36 TFUE[56]. Fil-fatt, ma jistax jiġi eskluż li l-prevenzjoni tan-nuqqas ta' sigurtà fit-toroq tista' tintrabat ma' għanijiet ta' "ordni pubbliku" u/jew ta' "sigurtà pubblika", fis-sens ta' dan tal-aħħar. Fl-opinjoni tiegħi, dan huwa minnu wkoll għan-neċessità li jiġi żgurat it-tressiq ta' azzjoni kontra ksur, proposta bħala ġustifikazzjoni mill-konvenuta fil-kawża prinċipali[57]. Għaldaqstant, jidhirli li l-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tal-Artikolu 36 TFUE u, b'analoġija, dak tal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jistgħu, bħala prinċipju, jinkludu tali raġunijiet ta' ġustifikazzjoni.

80. Barra minn hekk, minn ġurisprudenza stabbilta sew tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, minbarra l-motivi elenkati fl-Artikolu 36 TFUE, raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali jistgħu wkoll jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex jiġu ġġustifikati ostakoli għall-moviment liberu tal-merkanzija[58]. Inqis li din il-ġurisprudenza tista' tiġi trasposta fir-rigward tal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni. Ninnota li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-ġlieda kontra l-kriminalità u l-protezzjoni tas-sigurtà fit-toroq jistgħu jikkostitwixxu raġunijiet ta' dan it-tip[59]. Madankollu, il-possibbiltà li jiġu invokati dawn tal-aħħar hija, bħala prinċipju, irriżervata għal każijiet fejn il-miżuri nazzjonali inkwistjoni huma indistintament applikabbli[60], li fl-opinjoni tiegħi, ma huwiex il-każ fil-kawża preżenti[61].

81. Barra minn hekk, ma huwiex stabbilit li r-rekwiżiti allegati mill-konvenuta fil-kawża prinċipali, u wara ripetuti fit-tieni domanda preliminari, jikkorrispondu tassew għall-għanijiet segwiti mil-leġiżlatur Ungeriż meta adotta l-leġiżlazzjoni kkontestata. F'dan ir-rigward nirrileva li kunsiderazzjonijiet differenti mill-imsemmija rekwiżiti, peress li huma prinċipalment ta' natura baġitarja, jidhru fil-preambolu tal-liġi dwar it-taxxa fuq il-karozzi[62]. Issa, il-Qorti tal-Ġustizzja eskludiet ripetutament li r-raġunijiet ta' natura ekonomika jistgħu jiġġustifikaw ostakolu għall-moviment liberu tal-merkanzija[63].

82. Fi kwalunkwe każ, hekk kif tfakkar il-qorti tar-rinviju, hija ġurisprudenza stabbilita li, sabiex tkun tista' tiġi ġġustifikata minn għan ta' interess ġenerali, miżura restrittiva għandha tkun mhux biss neċessarja u xierqa sabiex jintlaħaq l-għan leġittimu mfittex, iżda wkoll proporzjonat fil-konfront tiegħu[64]. Hija l-awtorità nazzjonali li beħsiebha tinvoka d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 36 TFUE, u b'analoġija, dawk tal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, li għandha turi li dawn il-kriterji huma effettivament sodisfatti fil-każ inkwistjoni[65].

56 Ara s-sentenza tal-11 ta' Ġunju 1987, Gofette u Gilliard (406/85, EU:C:1987:274, punt 7).

57 F'dan is-sens, fis-sentenzi tas-17 ta' Ġunju 1987, Il-Kummissjoni vs L-Italja (154/85, EU:C:1987:292, punti 13 u 14), kif ukoll tat-30 ta' April 1991, Boscher (C-239/90, EU:C:1991:180, punt 23), il-Qorti tal-Ġustizzja ma eskludietx li l-għan ta' prevenzjoni ta' traffikar ta' proprjetà misruqa jista' jkun motiv ta' ordni pubbliku fis-sens tal-Artikolu 36, anki jekk qieset li l-miżuri kkontestati ma kinux jirrispettaw il-prinċipju ta' proporzjonalità.

58 Il-possibbiltà li nfetħet bis-sentenza tal-20 ta' Frar 1979, Rewe-Zentral, imsejħa "Cassis de Dijon", (120/78, EU:C:1979:42, punti 8 *et seq*), ġiet imfakkra f'diversi okkażjonijiet mill-Qorti tal-Ġustizzja sussegwentement (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tas-16 ta' April 2013, Las, C-202/11, EU:C:2013:239, punt 28).

59 Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-10 ta' April 2008, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (C-265/06, EU:C:2008:210, punt 38); tal-10 ta' Frar 2009, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-110/05, EU:C:2009:66, punt 60), kif ukoll tas-6 ta' Ottubru 2015, Capoda Import-Export (C-354/14, EU:C:2015:658, punt 43).

60 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tas-17 ta' Ġunju 1981, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda (113/80, EU:C:1981:139, punt 10). Jidhirli li, fil-ġurisprudenza l-iktar reċenti tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet inqas enfasi fuq din il-kundizzjoni (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-1 ta' Lulju 2014, Ålands Vindkraft, C-573/12, EU:C:2014:2037, punti 75 u 76, kif ukoll tat-12 ta' Novembru 2015, Visnapuu, C-198/14, EU:C:2015:751, punti 108 u 110).

61 Ara wkoll il-punt 84 ta' dawn il-konklużjonijiet iktar 'il quddiem.

62 Ara l-punt 20 ta' dawn il-konklużjonijiet. Fl-osservazzjonijiet tiegħu bil-miktub u orali, il-Gvern Ungeriż ikkonferma li l-preambolu tal-imsemmija liġi jindika li din it-taxxa kienet ġiet ikkunsidrata neċessarja sabiex jiżdiedu l-allokazzjonijiet tal-baġit disponibbli għall-manutenzjoni tal-infrastrutturi tat-toroq. Huwa żied li l-inkonvenjenzi maħluqa b'mod iktar partikolari mill-vetturi tqal ta' trasport ta' merkanzija jiġġustifikaw li tiżdied il-bażi tat-taxxa, sabiex jiġu ttrattati wkoll, għall-inqas indirettament, il-problemi tal-ambjent u tas-sigurtà fit-toroq.

63 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-25 ta' Ottubru 2001, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-398/98, EU:C:2001:565, punt 30 u l-ġurisprudenza ċċitata).

64 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-21 ta' Ġunju 2016, New Valmar (C-15/15, EU:C:2016:464, punt 48).

65 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-8 ta' Novembru 1979, Denkavit Futtermittel (251/78, EU:C:1979:252, punt 24), kif ukoll tal-5 ta' Frar 2004, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-270/02, EU:C:2004:78, punti 22 *et seq*).

83. Fil-kawża preżenti, bi qbil ma' Istanbul Lojistik u mal-Kummissjoni, inqis li l-awtoritajiet Ungeriżi ma ressqux elementi suffiċjentement probatorji f'dan is-sens. Jidhirli li t-taxxa kkonċernata ma tikkostitwixxix strument adegwat sabiex jitwettqu l-għanijiet ta' interess ġenerali invokati, peress li huwa dubjuż li l-fatt li tinġabar din it-taxxa, mingħajr kontroll ieħor, u dan, fuq livell iktar strett fir-rigward biss ta' ċerti vetturi tqal ta' trasport ta' merkanzija li jinstaqu fl-Ungerija – jiġifieri dawk irreġistrati f'pajjiż terz, bil-kontra ta' dawk irreġistrati fl-Ungerija jew fi Stat Membru ieħor – jista' jikkontribwixxi b'mod reali sabiex tittejjeb is-sigurtà fit-toroq u sabiex jiġi ffavorizzat it-tressiq ta' azzjonijiet kontra l-ksur f'dan it-territorju.

84. Barra minn hekk, anki jekk jitqies li l-kundizzjonijiet preċedenti huma kollha sodisfatti, mill-kliem finali taż-żewġt artikoli msemmija iktar 'il fuq jirriżulta li tali miżura la għandha tikkostitwixxi mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja u lanqas restrizzjoni moħbija. Issa, peress li s-sistema ta' taxxa miġbura fuq il-karozzi li jintużaw fit-toroq fit-territorju Ungeriż tvarja skont jekk il-vettura kkonċernata hijiex rreġistrata fl-Ungerija, fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni jew f'pajjiż terz [66], jidhirli li t-trattament differenti u inqas favorevoli applikat f'dan il-każ tal-aħħar, mingħajr raġuni oġġettiva stabbilita, jikkostitwixxi fattur ta' diskriminazzjoni arbitrarja [67].

85. Fl-opinjoni tiegħi, dawn il-kunsiderazzjonijiet jipprojbixxu li jiġu aċċettati l-ġustifikazzjonijiet li huma invokati mill-awtoritajiet Ungeriżi. Bħala konklużjoni, fl-opinjoni tiegħi, fil-każ fejn it-taxxa inkwistjoni tiġi kklassifikata bħala miżura li għandha effett ekwivalenti għal restrizzjoni kwantitattiva fuq l-importazzjoni fis-sens tal-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, ir-raġunijiet imressqa bħala difiża ma jistgħux ikunu suffiċjenti sabiex tali miżura nazzjonali tiġi ġġustifikata skont l-Artikolu 7 tal-imsemmija deċiżjoni.

### *C. Fuq il-ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni minħabba n-nazzjonalità fir-rigward tal-Artikolu 9 tal-Ftehim ta' assoċjazzjoni KEE – Turkija (ir-raba' domanda)*

86. Ir-raba' domanda preliminari hija estensjoni tal-ewwel u tat-tieni domandi, sa fejn hija tirrigwarda l-istess kuntest leġiżlattiv tagħhom, jiġifieri l-obbligi li jirriżultaw mill-ftehimiet konklużi bejn il-KE (li saret l-Unjoni) u t-Turkija [68]. Għaldaqstant, jidhirli li jkun deżiderabbli li nittrattawha qabel ma neżaminaw it-tielet domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju.

87. Essenzjalment, il-Qorti tal-Ġustizzja hija mitluba tiddeċiedi fuq il-kwistjoni ta' jekk l-Artikolu 9 tal-Ftehim ta' assoċjazzjoni KEE–Turkija, li jipprojbixxi kull diskriminazzjoni mwettqa minħabba n-nazzjonalità fil-qasam ta' applikazzjoni tal-imsemmi ftehim, għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, peress li din tobbliga lid-detenturi ta' vetturi tqal ta' trasport ta' merkanzija rreġistrati f'pajjiż barrani, f'dan il-każ fit-Turkija, iħallsu taxxa speċjali filwaqt li d-detenturi ta' tali vetturi rreġistrati fi Stat Membru tal-Unjoni huma eżentati mill-ħlas tagħha [69].

88. Fil-motivazzjoni tad-deċizjoni tagħha, il-qorti tar-rinviju tippreċiża li hija tistaqsi lilha nnifisha jekk it-taxxa kkonstestata hijiex diskriminatorja fir-rigward tat-trasportaturi Torok u jekk għandhiex, għaldaqstant, tiġi kkunsidrata bħala inkompatibbli mal-Artikolu 9 tal-Ftehim ta' assoċjazzjoni KEE–Turkija kif ukoll mal-Artikolu 18 TFUE. Fil-fatt, il-kontenut ta' dawn iż-żewġt artikoli huwa

66 Fuq dawn is-sistemi differenti, ara l-punti 43 u 55 ta' dawn il-konklużjonijiet.

67 Fost fatturi ta' diskriminazzjoni oħra, nosserva li moderazzjoni tat-taxxa hija prevista għall-vetturi li huma mgħammra b'sospensjoni pnewmatika, li jikkawżaw inqas ħsara lit-toroq, u/jew li jippreżervaw l-ambjent iżda biss jekk dawn huma rreġistrati fl-Ungerija (ara l-punti 24 u 25 ta' dawn il-konklużjonijiet) u mhux jekk huma rreġistrati f'pajjiż barrani.

68 Anki jekk ir-raba' domanda tirrigwarda l-Ftehim ta' assoċjazzjoni KEE-Turkija, filwaqt li l-ewwel żewġ domandi jirrigwardaw id-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, dawn l-istrumenti huma marbuta b'mod strett bejniethom, peress li l-imsemmija deċiżjoni ġiet adottata bl-iskop li tiġi implementata l-fażi finali tal-Unjoni doganali stabbilita bejn il-partijiet li kkonkludew l-imsemmi ftehim, kif jindikaw kemm it-titoli ta' din id-deċiżjoni u kemm il-preambolu u l-Artikolu 1 tagħha.

69 Fuq din l-eżenzjoni, ara l-punt 42 ta' dawn il-konklużjonijiet.

ekwivalenti, peress li l-paragrafu 1 ta' dan tal-aħħar jipprovdi prinċipju li jgħid li kull diskriminazzjoni minħabba n-nazzjonalità hija pprojbita fil-qasam ta' applikazzjoni tat-trattati[70]. Inżid li l-Artikolu 9 tal-imsemmi ftehim jagħmel riferiment espliċitu għall-istess "prinċipju [ta' nondiskriminazzjoni] stipulat fl-Artikolu 7 tat-Trattat li jistabbilixxi l-[KEE]" [traduzzjoni mhux uffiċjali], li jikkorrispondi għall-Artikolu 18 TFUE[71].

89. Il-Kummissjoni tqis li ma huwiex neċessarju li tingħata risposta speċifika għar-raba' domanda preliminari, peress li l-kwistjonijiet relatati ma' diskriminazzjoni eventwali mwettqa minħabba n-nazzjonalità diġà kellha tiġi eżaminata abbażi tal-ewwel żewġ domandi, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja taċċetta li l-leġiżlazzjoni nazzjonali kkonċernata taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikoli 4 sa 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni u, għaldaqstant, taħt dak tal-Ftehim ta' assoċjazzjoni KEE–Turkija[72].

90. B'mod partikolari, huwa minnu li l-Istati Membru jistgħu jadottaw miżuri li jirrestringu l-moviment liberu tal-merkanzija li jkunu ġġustifikati minn waħda mir-raġunijiet elenkati fl-Artikolu 36 TFUE, biss bil-kundizzjoni li dawn ma jikkostitwixxux mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja[73], kriterju li għandu jiġi analizzat fil-kuntest tat-tieni parti tat-tieni domanda[74], jekk il-Qorti tal-Ġustizzja għandha l-intenzjoni tiddeċiedi fuqha.

91. Fid-dawl tar-risposta affermattiva li qed nirrakkomanda li tingħata għall-ewwel domanda, inqis li ma jkunx utli li tingħata risposta għar-raba' domanda, peress li jkun suffiċjenti li l-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata l-eżistenza ta' kawża waħda ta' nuqqas ta' konformità mad-dritt tal-Unjoni, fost dawk imsemmija suċċessivament mill-qorti tar-rinviju. B'mod iktar preċiż, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra, bħalma rrakkomandajt jien, li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni taqa' taħt il-projbizzjoni ta' taxxi li għandhom effett ekwivalenti għal dazju doganali stabbilita fl-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, ma jkunx hemm lok, fl-opinjoni tiegħi, fid-dawl tal-ġurisprudenza li tirrigwarda fuq ir-rabta bejn l-Artikolu 18 TFUE u d-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE dwar il-libertajiet fundamentali ta' moviment[75], li tipproċedi għall-interpretazzjoni tal-Artikolu 9 tal-Ftehim ta' assoċjazzjoni KEE–Turkija.

70 Prinċipju stabbilit ukoll fl-Artikolu 21(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"). Fis-sentenza tat-2 ta' Ġunju 2016, Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi (C-233/14, EU:C:2016:396, punt 76), il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-projbizzjoni stabbilita fl-Artikolu 18 TFUE tapplika fis-sitwazzjonijiet kollha rilevanti tal-qassam ta' applikazzjoni *ratione materiae* tad-dritt tal-Unjoni.

71 L-Artikolu 37 tal-Protokoll Addizzjonali għall-imsemmi ftehim jipprevedi l-applikazzjoni speċefika ta' dan il-prinċipju fil-qasam tax-xogħol billi jistabbilixxi li "[k]ull Stat Membru jagħti lill-ħaddiema ta' nazzjonalità Torka impjegati fil-Komunità sistema kkaratterizzata minn nuqqas ta' kull diskriminazzjoni bbażata fuq in-nazzjonalità fil-konfront ta' ħaddiema li jirresjedu fi Stati Membri oħra f'dan li jirrigwarda l-kundizzjonijiet ta' xogħol u ta' remunerazzjoni" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

72 F'dan ir-rigward, hija ssemmi s-sentenza tat-30 ta' April 2014, Pfleger *et* (C-390/12, EU:C:2014:281, punti 31 sa 36), fejn jitfakkar li meta Stat Membru jinvoka raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali sabiex jiġġustifika leġiżlazzjoni li hija ta' natura li tostakola l-eżerċizzju ta' waħda mil-libertajiet previsti mit-Trattati, din il-ġustifikazzjoni għandha tiġi interpretata fid-dawl tal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, u b'mod partikolari, tad-drittijiet fundamentali ggarantiti mill-Karta, li fosthom jidher il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni minħabba n-nazzjonalità.

73 Regola ekwivalenti tidher kemm fl-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni u kemm fl-Artikolu 29 *in fine* tal-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim ta' assoċjazzjoni KEE-Turkija.

74 Ara l-punti 75 *et seq* ta' dawn il-konklużjonijiet.

75 Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tad-19 ta' Ġunju 2014, Strojírny Prostějov u ACO Industries Tábor (C-53/13 u C-80/13, EU:C:2014:2011, punti 31 *et seq*); tat-18 ta' Diċembru 2014, Generali-Providencia Biztosító (C-470/13, EU:C:2014:2469, punti 30 *et seq*), kif ukoll tad-29 ta' Ottubru 2015, Nagy (C-583/14, EU:C:2015:737, punt 24), li jfakkru li l-Artikolu 18 TFUE ma jistax jiġi applikat meta d-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE dwar il-moviment liberu tal-merkanzija, tal-persuni, tas-servizzi jew tal-kapital huma applikabbli u jipprevedu regoli speċifiċi ta' nondiskriminazzjoni.

### *D. Fuq it-tqassim tal-kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri fir-rigward tal-Artikolu 3(2) TFUE u tal-Artikolu 1(2) u 3(a) tar-Regolament Nru 1072/2009 (it-tielet domanda)*

92. Mill-motivazzjoni tad-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li t-tielet domanda preliminari saret biss fil-każ fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li t-taxxa inkwistjoni fil-kawża prinċipali la tikkostitwixxi taxxa li għandha effett ekwivalenti għal dazju doganali u lanqas miżura li għandha effett ekwivalenti għal restrizzjoni kwantitattiva fuq l-importazzjoni fis-sens, rispettivament, tal-Artikoli 4 u 5 tad-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni. Fid-dawl tar-risposta affermattiva li qed nirrakkomanda li tingħata għall-ewwel waħda mid-domandi magħmula lill-Qorti tal-Ġustizzja, fl-opinjoni tiegħi ma hemmx lok li tingħata risposta għat-tielet domanda. Mandankollu ser nippreżenta xi osservazzjonijiet fuq dan is-suġġett, għal finijiet ta' kompletezza.

93. Essenzjalment, it-tielet domanda tirrigwarda t-tqassim tal-kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri fir-rigward ta' ftehimiet konklużi ma' pajjiżi terzi fil-qasam tat-trasport internazzjonali tal-merkanzija bit-triq. Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li l-konvenuta fil-kawża prinċipali, jiġifieri l-awtorità fiskali tat-tieni grad, sostniet li l-Ungerija hija libera li tirregola t-trasport internazzjonali tal-merkanzija permezz ta' ftehimiet bilaterali, abbażi tal-Artikolu 4(2)(g) TFUE, li jipprovdi "il-kompetenza kondiviża bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tapplika [fost oqasma oħrajn, għat-]trasport", kif ukoll fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1072/2009. Din il-perspettiva hija kondiviża wkoll mill-Gvern Ungeriż, mill-Gvern Taljan u mill-Kummissjoni. Min-naħa l-oħra, Istanbul Lojistik tallega li l-Unjoni għandha kompetenza esklussiva impliċita fl-imsemmi qasam.

94. B'mod konkret, il-qorti tar-rinviju tixtieq tiddetermina jekk l-awtoritajiet tal-Ungerija għadx għandhom id-dritt li jeżegwixxu l-ftehim bilaterali li din tal-aħħar iffirmat mar-Repubblika tat-Turkija fl-1968 u fejn l-Artikolu 18(3) tiegħu jipprevedi l-impożizzjoni ta' taxxi fuq il-vetturi Torok li jwettqu trasport ta' merkanzija bi tranżitu fit-territorju Ungeriż [76]. Hija tistaqsi jekk it-taxxa li hija s-suġġett tal-kawża prinċipali tistax, għaldaqstant, tiġi implementata fuq il-bażi ta' din id-dispożizzjoni.

95. F'dan ir-rigward, din il-qorti tevoka l-kompetenza esklussiva tal-Unjoni sabiex tikkonkludi ftehimiet internazzjonali, li hija prevista fl-Artikolu 3(2) TFUE [77] u hija ssemmi li, b'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, "kull darba li, sabiex timplementa xi politika komuni prevista mit-Trattat, il-Komunità tieħu miżuri li jistabbilixxu regoli komuni, tkun xi tkun il-forma tagħhom, l-Istati Membri ma jkollhomx iktar is-setgħa, la individwalment u lanqas kollettivament, li jintrabtu ma' Stati terzi b'obbligi li jaffettwaw dawn ir-regoli" [78]. Infakkar li l-prinċipju hemmhekk stabbilit ġie sussegwentement iddefinit mill-Qorti tal-Ġustizzja li stabbilixxiet b'mod partikolari li, peress li l-Unjoni għandha biss kompetenzi mogħtija lilha [79], il-kompetenza eventwali tagħha, li barra minn hekk hija ta' natura esklussiva, għandha ssib il-bażi tagħha f'analiżi konkreta tad-dispożizzjonijiet ikkonċernati [80].

76 L-obbligu li jitħallsu t-taxxi dovuti "għat-trasport tal-merkanzija u sabiex jiġu koperti ikopru l-ispejjeż marbuta mal-manutenzjoni u mat-tiswija tat-toroq" huwa impost fuq dawn il-vetturi Torok anki għall-vjaġġi li jwettqu meta jkunu vojta. Abbażi tal-Artikolu 18(3), il-vetturi Ungeriżi li jaqsmu fi tranżitu t-Turkija jkollhom, b'mod reċiproku, iħallsu taxxi tal-istess natura fis-seħħ fit-territorju tagħha. Mill-paragrafu 2 ta' dan l-istess artikolu jirriżulta li l-vetturi rreġistrati f'wieħed mill-Istati parti għal dan il-ftehim bilaterali huma, min-naħa l-oħra, eżentati mit-taxxi dovuti "għat-trasport tal-merkanzija, id-dritt ta' pussess tal-vettura jew l-użu tat-toroq", meta t-territorju tal-Istat Membru l-ieħor huwa d-destinazzjoni finali tagħhom.

77 Skont it-termini tal-imsemmi paragrafu 2, "[l]-Unjoni għandha […] kompetenza eskluživa li tikkonkludi ftehim internazzjonali meta l-konklużjoni tiegħu tkun prevista f'att leġislattiv ta' l-Unjoni, jew tkun meħtieġa sabiex l-Unjoni tkun tista' teżerċita l-kompetenza interna tagħha, jew sal-punt fejn il-konklużjoni tiegħu tista' tolqot xi regoli komuni jew tbiddel il-kamp ta' l-applikazzjoni tagħhom."

78 Il-qorti tar-rinviju ssemmi l-punti 17 sa 19 tas-sentenza tal-31 ta' Marzu 1971, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill, imsejħa "AETR" (22/70, EU:C:1971:32).

79 Skont l-Artikolu 5(1) u (2) TUE.

80 Ara, b'mod partikolari, il-ġurisprudenza ċċitata fit-teħid ta' pożizzjoni tal-Avukat Ġenerali Jääskinen dwar l-Opinjoni 1/13 [(Adeżjoni ta' Stati Terzi għall-konvenzjoni ta' Den Haag), EU:C:2014:2292, punti 58 *et seq*], kif ukoll fl-Opinjoni 1/13 (Adeżjoni ta' Stati Terzi għall-konvenzjoni ta' Den Haag), tal-14 ta' Ottubru 2014 (EU:C:2014:2303, punti 71 *et seq*) u fl-Opinjoni 3/15 (Trattat ta' Marrakexx fuq l-aċċess għax-xogħlijiet ippubblikati), tal-14 ta' Frar 2017 (EU:C:2017:114, punt 108).

96. Insostenn tat-talba tagħha, il-qorti tar-rinviju tesponi li r-Regolament Nru 1072/2009 stabbilixxa ġustament xi regoli komuni għall-aċċess għas-suq tat-trasport internazzjonali tal-merkanzija bit-triq li huma validi fl-Unjoni kollha, u li, b'konformità mal-premessa 3 [81] u mal-ewwel sentenza tal-Artikolu 1(2) [82], dan l-istrument jista' jiġi applikat f'kull Stat Membru li, bħalma kien il-każ tal-Ungerija fil-kawża prinċipali, hawa ttraversat bi tranżitu minn vettura li tittrasporta merkanzija li telqet minn pajjiż terz u li d-destinazzjoni tagħha huwa Stat Membru (jew bil-kontra) [83].

97. Hija tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod iktar preċiż, fuq il-kwistjoni ta' jekk, minkejja li l-Unjoni illeġiżlat f'dan ir-rigward, l-awtoritajiet Ungeriżi jistgħux ikomplu jagħtu effett għall-Ftehim Ungerija-Turkija [84] billi jinvokaw l-Artikolu 1(3)(a) tar-Regolament Nru 1072/2009, li jipprovdi: "[s]akemm jintlaħqu il-ftehim imsemmija fil-paragrafu 2, dan ir-Regolament m'għandux jaffettwa: [...] dispożizzjonijiet rigward it-trasport minn Stat Membru għal pajjiż terz u viċeversa li huma inklużi fil-ftehim bilaterali li ntlaħqu mill-Istati Membri ma' dawk il-pajjiżi terzi" [85].

98. Fil-fatt, mit-*tieni sentenza* tal-Artikolu 1(2) tar-Regolament Nru 1072/2009 jirriżulta li dan tal-aħħar "*[m]'għandux japplika* għal dik il-parti tal-vjaġġ li ssir fit-territorju tal-Istat Membru tat-tagħbija jew tal-ħatt *sakemm ma jkunx ġie konkluż il-ftehim meħtieġ bejn il-Komunità u l-pajjiż terz*" [86], b'differenza għall-applikabbiltà tal-imsemmi regolament li hija prevista fl-*ewwel sentenza* ta' dan l-istess paragrafu fir-rigward tas-sitwazzjonijiet li fihom Stat Membru tal-Unjoni jiġi ttraversat biss fi tranżitu [87].

99. Madankollu, l-imsemmija tieni sentenza ma hijiex, fl-opinjoni tiegħi, rilevanti fil-kawża preżenti, peress li, hekk kif tindika Istanbul Lojistik u kif ammettiet il-qorti tar-rinviju nnifisha, it-territorju Ungeriż ikkostitwixxa hawnhekk sempliċi mezz ta' tranżitu, u mhux il-lok ta' tagħbija jew ta' ħatt tal-merkanzija kkonċernata.

100. Fuq kollox, bi qbil mal-Gvern Ungeriż, mal-Gvern Taljan kif ukoll mal-Kummissjoni, nenfassizza li l-kawża prinċipali ma taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tar-Regolament Nru 1072/2009, peress Artikolu 2(1) tiegħu jipprevedi li dan l-istrument huwa intiż biss għall-vetturi tat-trasport ta' merkanzija li huma rreġistrati fi Stat Membru tal-Unjoni [88], filwaqt li l-vettura li ġiet suġġetta għat-taxxa Ungeriża mid-deċiżjonijiet ikkontestata kienet irreġistrata fit-Turkija.

81 Skont din il-premessa 3,"[s]abiex jiġi żgurat qafas koerenti għat-trasport bit-triq internazzjonali tal-merkanzija madwar il-Komunità, [ir-Regolament Nru 1072/2009] għandu japplika għat-trasport internazzjonali tal-merkanzija kollu fit-territorju Komunitarju. It-trasport tal-merkanzija mill-Istati Membri għall-pajjiżi mhux membri għadu fil-biċċa l-kbira kopert minn ftehim bilaterali bejn l-Istati Membri u dawk il-pajjiżi terzi. B'hekk, dan ir-Regolament ma japplikax għal dik il-parti tal-vjaġġ fit-territorju tal-Istat Membru tat-tagħbija jew tal-ħatt sakemm il-ftehim meħtieġ bejn il-Komunità u l-pajjiżi terzi konċernati ma jkunux ġew konklużi. Għandu, madankollu, japplika għat-territorju ta' Stat Membru li wieħed jgħaddi minnu waqt il-vjaġġ".

82 Skont l-imsemmija l-ewwel sentenza, ir-Regolament Nru 1072/2009 huwa applikabbli, "[f]il-każ ta' trasport minn Stat Membru lejn pajjiż terz u viċeversa, [...] għal dik il-parti tal-vjaġġ fit-territorju ta' Stat Membru traversat waqt il-vjaġġ".

83 Infakkar li, fil-kawża preżenti, il-vettura suġġetta għat-taxxa kkontestata kienet telqet mit-Turkija sabiex tmur il-Ġermanja, *via* l-Ungerija.

84 Il-qorti tar-rinviju u Istanbul Lojistik ma jaqblux fuq il-kwistjoni ta' jekk din il-possibbiltà hijiex ikkonfermata jew kontradetta mir-rapport ta' ICF Consulting Ltd li jissemma fin-nota ta' qiegħ il-paġna 28 ta' dawn il-konklużjonijiet (ara p. 6, punt 2.1, u p. 8, punt 2.2 tal-imsemmi rapport).

85 Il-Gvern Ungeriż isostni li l-Unjoni ma għandhiex kompetenza esklussiva f'dan il-qasam, minħabba l-fatt li din id-dispożizzjoni tar-Regolament Nru 1072/2009, li tieħu inkunsiderazzjoni espliċitament l-ftehimiet bilaterali konklużi bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi jipprevedi li tali ftehimiet jibqgħu fis-seħħ sakemm ma jiġux issostitwiti minn dispożizzjonijiet adottati fuq il-livell tal-Unjoni.

86 Enfasi miżjuda minni. Xi dispożizzjonijiet simili kienu diġà jinsabu fit-tielet premessa u fl-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 881/92, tas-26 ta' Marzu 1992, dwar l-aċċess għas-suq tat-trasport ta' merkanzija bit-triq fil-Komunità lejn jew mit-territorju ta' Stat Membru jew li jgħaddi mit-territorju ta' wieħed jew aktar mill-Istati Membri (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 1, p. 370), li ġie ssostitwit bir-Regolament Nru 1072/2009.

87 Ara wkoll, il-premessa 3 tiegħu, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 81 ta' dawn il-konklużjonijiet.

88 Fil-fatt, l-imsemmi punt 1 jiddefinixxi l-kunċett ta' "vettura", fis-sens ta' dan ir-regolament bħala "vettura bil-mutur irreġistrata fi Stat Membru jew grupp magħqud ta' vetturi li jkollu għallinqas vettura waħda mill-grupp irreġistrata fi Stat Membru, użata esklusivament għat-trasport tal-merkanzija".

101. Konsegwentement, inqis, sussidjarjament, li peress li r-Regolament Nru 1072/2009 ma huwiex applikabbli f'każ bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, id-dispożizzjonijiet tiegħu ma jistgħux jipprekludu lill-awtoritajiet Ungeriżi milli jkunu jistgħu jibbażaw ruħhom fuq l-Artikolu 18(3) tal-Ftehim Ungerija-Turkija sabiex jimponu l-ħlas tat-taxxa kkontestata f'dan il-każ.

## V. Konklużjoni

102. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li r-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja għad-domandi mressqa mis-Szegedi Közigazgatási és Munkaügyi Bíróság (qorti amministrattiva u tax-xogħol ta' Szeged, l-Ungerija) tkun kif ġej:

L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KE-Turkija, tat-22 ta' Diċembru 1995, dwar l-implementazzjoni tal-fażi definittiva tal-Unjoni Doganali, għandu jiġi interpretat fis-sens li tikkostitwixxi taxxa li għandha effett ekwivalenti għal dazju doganali fir-rigward tal-merkanzija koperta mill-imsemmija unjoni u li hija għaldaqstant ipprojbita minn dan l-artikolu, taxxa fuq il-karozzi bħalma hija dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tinġabar mingħand kull detentur ta' vetturi tqal ta' trasport ta' merkanzija, irreġistrati f'pajjiż mhux membru tal-Unjoni Ewropea li jaqsmu t-territorju tal-Ungerija fi tranżitu, biex imorru fi Stat membru ieħor, u li għandha titħallas kull darba li tinqasam il-fruntiera Ungeriża.

Fid-dawl tar-risposta mogħtija għall-ewwel domanda preliminari, ma hemmx lok li tingħata risposta għat-tieni, għat-tielet u għar-raba' domandi preliminari.